2024/1896

12.7.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1896

tal-11 ta' Lulju 2024

li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq importazzjonijiet ta' ċertu klorur tal-polivinil (polyvinyl chloride, "PVC") li joriġina mill-Eġittu u mill-Istati Uniti tal-Amerka

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Istati Membri,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. **Bidu**

(1) Fil-15 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-klorur tal-polivinil ("PVC") li joriġinaw mill-Eġittu u mill-Istati Uniti tal-Amerka ("il-pajjiżi kkonċernati") abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika tal-Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) ("in-Notifika tal-Bidu").

(2) L-ilment tressaq fit-2 ta' Ottubru 2023 mill-Kumitat għall-Kummerċ tal-Klorur tal-Polivinil ("l-ilmentaturi"). L-ilment sar f'isem l-industrija tal-Unjoni tal-PVC fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u tad-dannu materjali li jirriżulta, li kienet biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

1.2. **Reġistrazzjoni**

(3) Skont l-Artikolu 14(5a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirreġistra l-importazzjonijiet soġġetti għal investigazzjoni anti-dumping matul il-perjodu ta' qabel id-divulgazzjoni sakemm ma jkollhiex biżżejjed evidenza fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 5 li r-rekwiżiti taħt il-punt (c) jew (d) tal-Artikolu 10(4) ma ġewx issodisfati.

(4) L-ilmentaturi ma talbux reġistrazzjoni u l-Kummissjoni sabet li r-rekwiżiti taħt il-punt (d) tal-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku ma ġewx issodisfati. Minbarra l-livell ta' importazzjonijiet li kkawżaw dannu matul il-perjodu ta' investigazzjoni ("PI", ara l-premessa (32)), ma kien hemm l-ebda żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet minn hemm 'il quddiem.

(5) Għar-raġunijiet stabbiliti fit-taqsima 4.4.1. hawn taħt, il-Kummissjoni ddeċidiet li takkumula l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati għall-fini tal-analiżi deskritta fil-premessi ta' hawn fuq. Analiżi tad-data estratta mill-Bażi tad-Data Comext tal-Eurostat. u d-data pprovduta mill-produtturi esportaturi li kkooperaw fil-pajjiżi kkonċernati, uriet li l-volum kumulattiv tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati naqas bi 41 % fl-ewwel tliet xhur sħaħ (jiġifieri Diċembru 2023 sa Frar 2024) wara l-bidu tal-investigazzjoni meta mqabbel mal-istess xhur matul il-perjodu ta' investigazzjoni. B'mod simili, l-importazzjonijiet medji fix-xahar mill-pajjiżi kkonċernati matul l-ewwel tliet xhur wara l-bidu tal-investigazzjoni kienu ta' 19 148 tunnellata meta mqabbla mal-importazzjonijiet medji fix-xahar ta' 27 450 tunnellata matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ma għamlitx l-importazzjonijiet tal-PVC soġġetti għar-reġistrazzjoni taħt l-Artikolu 14(5a) tar-Regolament bażiku matul il-perjodu ta' qabel id-divulgazzjoni.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.
([2]) In-Notifika tal-bidu ta' proċediment anti-dumping dwar importazzjonijiet ta' ċertu klorur tal-polivinil (polyvinyl chloride, "PVC") li joriġina mill-Eġittu u mill-Istati Uniti tal-Amerka (ĠU C, C/2023/1033, 15.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/1033/oj).

1.3. **Partijiet interessati**

(6) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jagħmlu kuntatt magħha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament informat lill-ilmentaturi, lill-produtturi magħrufa oħra tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa, lill-awtoritajiet tal-Eġittu u tal-Istati Uniti tal-Amerka ("USA"), lill-importaturi, lill-fornituri u lill-utenti magħrufa, u lin-negozjanti dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom biex jipparteċipaw.

(7) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u li jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

1.4. **Kampjunar**

(8) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li hija tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

1.4.1. *Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(9) Fin-Notifika tal-Bidu tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li kienet għażlet proviżorjament kampjun ta' produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet kampjun fuq il-bażi tal-produzzjoni u l-bejgħ. Dan il-kampjun kien jikkonsisti fi tliet produtturi tal-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw 25 % tal-produzzjoni stmata u 26 % tal-volum tal-bejgħ stmat tal-UE tal-prodott simili. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jikkummentaw dwar il-kampjun proviżorju. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment u l-kampjun proviżorju ġie kkonfermat. Il-kampjun huwa rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

1.4.2. *Kampjunar tal-importaturi*

(10) L-ebda importatur mhux relatat ma pprovda l-informazzjoni mitluba jew qabel li jiġi inkluż fil-kampjun. Għalhekk, il-Kummissjoni ma għażlet l-ebda kampjun ta' importaturi.

1.4.3. *Kampjunar ta' produtturi esportaturi fl-Eġittu*

(11) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fl-Eġittu biex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika tal-Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu għall-Unjoni Ewropea biex tidentifika u/jew tikkuntattja produtturi esportaturi oħra, jekk ikun hemm, li setgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(12) Produttur esportatur wieħed biss fl-Eġittu, TCI Sanmar Chemicals S.A.E. ("TCI Sanmar") ressqet it-tagħrif mitlub u qablet li tiġi inkluża fil-kampjun. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kampjunar ma kienx meħtieġ.

(13) Fis-7 ta' Diċembru 2023, 15-il jum wara li kienet skadiet l-iskadenza għall-għoti ta' informazzjoni dwar it-teħid ta' kampjuni, it-tieni produttur esportatur Eġizzjan, Egyptian Petrochemical Company ("EPC"), ippreżenta ruħu u talab lill-Kummissjoni biex jipparteċipa fil-proċediment bħala parti interessata. Peress li sabet li l-parteċipazzjoni tat-tieni produttur esportatur x'aktarx li ma xxekkilx it-tlestija fil-ħin tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni wieġbet b'mod favorevoli għat-talba tal-EPC.

1.4.4. *It-teħid ta' kampjuni ta' produtturi esportaturi fl-Istati Uniti tal-Amerka*

(14) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fl-Istati Uniti tal-Amerka biex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika tal-Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tal-Istati Uniti tal-Amerka għall-Unjoni Ewropea biex tidentifika u/jew tikkuntattja produtturi esportaturi oħra, jekk ikun hemm, li setgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(15) Erba' produtturi esportaturi fl-Istati Uniti tal-Amerka pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. F'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' żewġ produtturi esportaturi abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li seta' kien raġonevolment investigat fiż-żmien disponibbli. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi magħrufa kollha kkonċernati, u l-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat, ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun. Ma kien hemm l-ebda kumment dwar l-għażla tal-kampjun.

1.5. **Eżami individwali**

(16) Iż-żewġ produtturi esportaturi Amerikani mhux inklużi fil-kampjun li kkooperaw urew l-intenzjoni tagħhom li jitolbu eżami individwali taħt l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku. Madankollu, l-ebda wieħed minnhom ma pprovda tweġiba għall-kwestjonarju u għalhekk talbiet reali.

1.6. **Kummenti dwar il-bidu**

(17) Il-Kummissjoni rċeviet għadd ta' kummenti minn partijiet interessati dwar il-bidu u r-reazzjoni għas-sottomissjonijiet ta' partijiet oħra.

(18) Wara l-bidu, waslu kummenti mill-Gvern tal-Eġittu, il-produttur Eġizzjan TCI Sanmar, il-produtturi tal-Istati Uniti Oxy Vinyls, LP u Westlake Corporation ("Westlake"), produttur tal-Unjoni mhux inkluż fil-kampjun Ercros, u żewġ utenti, Rehau u Foamalite Ltd. ("Foamalite"). L-ilmentaturi ssottomettew ukoll kummenti li jirribattu s-sottomissjonijiet tal-partijiet interessati.

(19) Il-Gvern tal-Eġittu ("il-GTE") u TCI Sanmar sostnew li l-ilmentaturi naqsu milli jipprovdu tqabbil ġust bejn il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali u li l-ilment ma kienx fih biżżejjed evidenza ta' dumping.

(20) Il-Kummissjoni ma qablitx. Fir-rigward tad-dumping, il-Kummissjoni qieset li l-ilment kien jinkludi biżżejjed evidenza rilevanti biex tibda l-investigazzjoni tagħha peress li l-evidenza prima facie indikat marġnijiet ta' dumping ta' 45,2 % għall-Eġittu u ta' 40,6 % sa 59,4 % għall-Istati Uniti tal-Amerka. Speċifikament, l-ilmentaturi kienu bbażaw il-prezz tal-esportazzjoni fuq informazzjoni disponibbli raġonevoli bħall-prezz medju CIF tal-Eurostat tal-importazzjonijiet li joriġinaw milll-Eġittu għall-UE u aġġustaw dan għal-livell li joħroġ mill-fabbrika, billi użaw stimi raġonevoli. Fuq l-istess bażi, il-valur normali ġie stabbilit mill-ilmentaturi abbażi tal-prezzijiet lokali rrappurtati mis-sistema ta' monitoraġġ tas-suq ChemOrbis fuq l-Indiċi tal-Prezzijiet Lokali tal-Eġittu. Għalhekk, din l-affermazzjoni kienet rifjutata.

(21) Il-Gvern tal-Eġittu, Oxy Vinyls, LP, TCI Sanmar u Westlake kkontestaw l-analiżi tad-dannu fl-ilment peress li l-importazzjonijiet Eġizzjani u tal-Istati Uniti ma kinux qed jidħlu fl-Unjoni b'volumi jew prezzijiet ta' dannu u l-industrija tal-Unjoni kienet b'saħħitha u bi prestazzjoni tajba. Il-partijiet qiesu wkoll li t-tħassib dwar theddida ta' dannu kien bla bażi.

(22) L-ilment kien fih l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati f'termini ta' prezzijiet ta' kwantitajiet. Ir-Regolament bażiku jipprovdi li l-analiżi tad-dannu għandha tqis kemm il-livell assolut kif ukoll l-evoluzzjoni tas-sehem mis-suq u l-prezzijiet matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-Kummissjoni qieset li filwaqt li l-industrija tal-Unjoni setgħet kienet b'saħħitha fl-istat bikri tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-ilment ippreżenta argumenti għaliex is-sitwazzjoni marret għall-agħar minn tmiem l-2022 u li ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza suffiċjenti kontra l-argumenti ppreżentati b'appoġġ għal theddida possibbli ta' dannu, b'mod partikolari meta titqies il-kapaċità żejda strutturali tal-esportaturi mill-pajjiżi kkonċernati.

(23) Il-Gvern tal-Eġittu, Oxy Vinyls, LP, u TCI Sanmar sostnew li r-rabta kawżali ma ġietx murija u li kien hemm kawżi alternattivi oħra ta' dannu. Fost kawżi oħra ta' dannu, il-partijiet semmew il-kostijiet tal-enerġija, il-forza maġġuri, l-importazzjonijiet mhux soġġetti mill-Messiku u min-Norveġja, l-inflazzjoni, u l-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Rehau u Foamalite sostnew li l-produtturi tal-Unjoni setgħu kienu responsabbli għad-dannu tagħhom stess minħabba d-dikjarazzjoni ta' avvenimenti ta' forza maġġuri li llimitaw il-provvista tal-prodott lill-utenti tal-Unjoni taħt il-volumi kkuntrattati u li rriżultaw fit-tfittxija ta' sorsi oħra ta' PVC barra mill-Unjoni minn utenti affettwati.

(24) Ercros sostniet li r-rabta kawżali ġiet murija u enfasizzat li t-tnaqqis fil-prezzijiet li affettwa s-suq u l-industrija tal-Unjoni kien fil-biċċa l-kbira u bla dubju xprunat mill-prezzijiet tal-PVC Eġizzjan u tal-Istati Uniti, li jindika l-2021 bħala punt ta' bidla.

(25) Il-Kummissjoni qieset li l-ilment kien jinkludi biżżejjed elementi biex tiġi vvalutata r-rabta kawżali f'dak l-istadju u li ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza sostantiva biex tikkontradixxi l-argumentazzjoni inkluża fl-ilment.

(26) Oxy Vinyls, LP affermat li l-produtturi tal-Unjoni għandhom kostijiet oħla relatati mal-kost għoli tal-konformità assoċjat ma' bosta sforzi ambjentali u soċjali tal-Unjoni.

(27) Il-Kummissjoni qieset li din l-allegazzjoni seta' kellha xi merti jekk id-dannu jiġi osservat matul il-perjodu kollu kkonċernat, iżda l-argumenti naqsu milli jispjegaw l-emerġenza mhux mistennija tad-dannu matul il-perjodu ta' investigazzjoni meta l-importazzjonijiet allegatament li huma l-oġġett ta' dumping żdiedu.

(28) Oxy Vinyls, LP u Westlake sostnew li l-ilmentaturi ma ssostanzjawx għaliex il-marġni ta' profitt għall-kalkolu tal-bejgħ taħt il-prezz għandu jkun ta' 15 %. Ercros, min-naħa tagħha, argumentat li industrija tal-Unjoni tal-PVC b'saħħitha teħtieġ marġni ta' profitt ta' 15 %. Filwaqt li l-ilmentaturi, appoġġati minn Ercros, iddefendew li marġni ta' profitt ta' 15 % kien marġni ta' profittabbiltà normali għas-settur kimiku, il-Kummissjoni ma kisbitx evidenza minn partijiet oħra li dwarħa jista' jkun marġni ta' profitt raġonevoli li jista' jkun mistenni fuq terminu medju f'industrija ċiklika bħall-PVC. L-istess esportaturi tal-Istati Uniti argumentaw ukoll li l-bidu seta' kien difettuż minħabba li l-ilmentaturi użaw b'mod żbaljat il-qligħ qabel l-imgħax, it-taxxa, id-deprezzament u l-ammortizzament (EBITDA) minflok il-marġni ta' profitt. Il-Kummissjoni nnotat li l-marġni ta' profitt ta' 15 % intuża fil-kalkoli u li l-ilment sempliċiment iddikjara li dan kien l-istess perċentwal bħall-% fil-mira ta' EBITDA għall-ilmentaturi. Il-Kummissjoni qieset li mit-tqabbil bejn proporzjonijiet differenti fl-ilment, ma jistax jiġi dedott li l-ilmentaturi bi żball użaw l-EBITDA aktar milli l-marġni tal-profitt ([3]).

(29) Foamalite lmentat dwar l-impatt possibbli fuq il-kompetittività tagħha jekk il-Kummissjoni timponi dazji anti-dumping peress li tikkompeti ma' entità li tinsab fl-Irlanda ta' Fuq li ma jkollhiex għalfejn tħallashom fl-importazzjonijiet tagħha mill-Istati Uniti tal-Amerka. Il-Kummissjoni sabet li r-Renju Unit beda investigazzjoni anti-dumping dwar l-S-PVC mill-Istati Uniti tal-Amerka fit-8 ta' Jannar 2024 u ċaħdet l-affermazzjoni.

1.7. **Tweġibiet għall-kwestjonarju u żjarat ta' verifika**

(30) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, liż-żewġ produtturi esportaturi Eġizzjani li ppreżentaw ruħhom u lill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fl-Istati Uniti tal-Amerka. Il-Kummissjoni ppubblikat kwestjonarju għall-importaturi u l-utenti fin-Notifika tal-Bidu. Il-kwestjonarji saru disponibbli wkoll għal negozjanti mhux relatati barra mill-Unjoni (ara l-premessi (48) u (73)). L-istess kwestjonarji kienu wkoll disponibbli online ([4]) fil-jum tal-bidu.

(31) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset neċessarja għal determinazzjoni proviżorja ta' dumping, id-dannu li jirriżulta u l-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku twettqu fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni

— INOVYN Manufacturing Belgium SA, Evere, il-Belġju

([3]) Id-dikjarazzjoni fl-ilment tgħid: "*Marġni ta' profitt* ta' 15 % huwa kkunsidrat bħala marġni ta' profittabbiltà normali għall-industrija tal-kimika u bħala medja huwa l-% mira tal-EBITDA għall-kumpaniji lmentaturi. Din iċ-ċifra tirrappreżenta l-livell ta' EBITDA meħtieġ għall-investiment u għaż-żamma tal-kapaċità tal-produzzjoni". Fiż-żewġ paragrafi segwenti fl-ilment huwa ċar b'mod espliċitu li l-ilmentaturi użaw il-marġni ta' profitt fl-analiżi tagħhom: "L-industrija tal-PVC hija industrija b'użu intensiv tal-kapital li teħtieġ li tikseb *marġni ta' profitt* ta' 15 % biex tkun sostenibbli. Dan jinkludi investiment mill-ġdid fi pjanijiet eżistenti biex jiġu żgurati operazzjonijiet futuri u biex tibqa' kompetittiva kontra l-importazzjonijiet minn pajjiżi li għandhom kostijiet tal-enerġija aktar baxxi u rekwiżiti inqas stretti ta' dekarbonizzazzjoni" u "preċedentement, l-industrija ma għamlitx *marġni ta' profitt* ta' 15 % b'mod konsistenti u dan ikkawża ħafna problemi li wasslu għall-għeluq ta' diversi unitajiet tal-PVC u saħansitra siti sħaħ".

([4]) https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2695

— Shin-Etsu PVC BV, Hilversum, in-Netherlands

— Vynova Belgium NV, Tessenderlo, il-Belġju ([5])

Produtturi esportaturi fl-Eġittu

— TCI Sanmar Chemicals S.A.E., Port Said

— Egyptian Petrochemical Company, Lixandra

Produtturi esportaturi fl-Istati Uniti tal-Amerka

— Formosa Plastics Corporation, Livingston, Essex, New Jersey

— Westlake Chemicals, Houston, Texas

Negozjant mhux relatat

— Tricon Dry Chemicals, LLC, Houston, Texas

1.8. **Perjodu ta' investigazzjoni u perjodu taħt kunsiderazzjoni**

(32) L-investigazzjoni tad-dumping u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2022 sat-30 ta' Settembru 2023 ("il-perjodu ta' investigazzjoni"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu taħt kunsiderazzjoni").

2. PRODOTT LI QIEGĦED JIĠI INVESTIGAT, PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

2.1. **Prodott li qed jiġi investigat**

(33) Il-prodott li qed jiġi investigat huwa l-klorur tal-polivinil f'forma ta' sospensjoni ("S-PVC"), mhux imħallat ma' kwalunkwe sustanza oħra. Il-prodott ikkonċernat jinkludi l-S-PVC biss, ma jinkludix emulsjoni tal-klorur tal-polivinil (emulsion polyvinylchloride, "E-PVC") ("il-prodott li qed jiġi investigat").

(34) Il-PVC huwa polimeru termoplastiku magħmul mill-bniedem. Il-materja prima primarja użata fil-produzzjoni tar-reżini tal-PVC hija l-Monomer tal-Kloru tal-Vinil (Vinyl Chlorine Monomer VCM) li jiġi prodott mir-reazzjoni tal-etilen u l-kloru għall-produzzjoni tad-diklorur tal-etilen (ethylene dichloride EDC) u mbagħad jiġi ttrasformat f'VCM permezz ta' qsim termali. L-S-PVC jiġi prodott permezz ta' teknoloġija ta' sospensjoni.

(35) Il-PVC fil-forma ta' sospensjoni tiegħu (S-PVC) huwa prodott industrijali użat f'firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet, pereżempju fil-manifattura ta' pajpijiet u fittings, films u fojls, injezzjoni fil-forma u iffurmar bl-infih.

2.2. **Prodott ikkonċernat**

(36) Il-prodott ikkonċernat huwa l-prodott li qed jiġi investigat li joriġina mill-Eġittu u mill-Istati Uniti tal-Amerka ("USA") ("il-pajjiżi konċernati"), li bħalissa huwa kklassifikat taħt il-kodiċi NM ex 3904 10 00 (il-kodiċijiet TARIC 3904 10 00 15 u 3904 10 00 80). ("il-prodott ikkonċernat").

2.3. **Prodott simili**

(37) L-investigazzjoni wriet li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat meta jiġi esportat lejn l-Unjoni;

— il-prodott li qiegħed jiġi investigat manifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tal-pajjiżi konċernati; u

([5]) Il-Kummissjoni setgħet taċċessa u tivverifika d-*data* tal-produzzjoni u dik finanzjarja tal-produttur fil-kampjun (Vynova Wilhelmshaven GmbH) fil-bini tal-kumpanija relatata tagħha Vynova Belgium NV (intraprenditur fil-ftehim ta' tolling).

— il-prodott li qed jiġi investigat, manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(38) F'dan l-istadju, il-Kummissjoni ddeċidiet li dawn il-prodotti huma għalhekk prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

3. DUMPING

3.1. **L-Eġittu**

3.1.1. *Kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi*

(39) Kif stabbilit fil-premessi (12) u (13) hawn fuq, żewġ produtturi esportaturi Eġizzjani, TCI Sanmar u EPC, ippreżentaw ruħhom fl-investigazzjoni u pprovdew tweġibiet għall-kwestjonarju. L-EPC ippreżentat tweġiba mhux kompluta għall-kwestjonarju b'partijiet essenzjali neqsin. Il-Kummissjoni għalhekk infurmat lill-EPC permezz ta' ittra tas-16 ta' Jannar 2024 bl-intenzjoni tagħha li tapplika l-Artikolu 18 u tibbaża s-sejbiet tagħha fuq il-fatti disponibbli għall-informazzjoni nieqsa. Fl-istess ittra, hija stiednet lill-EPC biex tissottometti l-informazzjoni nieqsa. Madankollu, l-EPC naqset milli tagħmel dan, anke wara li l-Kummissjoni tenniet it-talba tagħha fis-6 ta' Frar 2024.

(40) Matul iż-żjara ta' verifika fuq il-post fil-bini tal-EPC, li saret mit-3 sas-6 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni sabet elementi ulterjuri li wasslu għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku.

(41) Peress li l-EPC naqset milli tissottometti l-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni tal-prezzijiet domestiċi, il-prezzijiet tal-esportazzjoni u l-kost tal-produzzjoni, u f'konformità mal-Artikolu 18(4) tar-Regolament bażiku, permezz ta' ittra tat-12 ta' April 2024, l-EPC ġiet infurmata bir-raġunijiet tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tinjora l-informazzjoni pprovduta u ngħatat l-opportunità li tipprovdi aktar spjegazzjonijiet. Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, id-dettalji sottostanti intbagħtu biss lill-EPC.

(42) Fis-17 ta' April 2024, l-EPC opponiet l-applikazzjoni tal-Artikolu 18. L-EPC argumentat li ma kinitx konxja tal-każ anti-dumping sat-12 ta' Diċembru 2023, li sussegwentement talba għal estensjoni tal-iskadenza ġiet miċħuda mill-Kummissjoni u li għalhekk kienet imxekkla milli tipparteċipa b'mod effettiv fil-proċess ta' verifika.

(43) L-EPC żiedet li l-Kummissjoni għandha (mill-inqas) tikkunsidra l-informazzjoni relatata mal-prezzijiet tal-esportazzjoni sabiex jiġi ddeterminat id-dumping, peress li t-tim tal-Kummissjoni vverifika l-akkuratezza tad-dokumenti kollha meħtieġa (fir-rigward tal-prezzijiet tal-esportazzjoni) matul il-verifika fuq il-post.

(44) Barra minn hekk, l-EPC ħasset li pprovdiet kooperazzjoni sħiħa fi ħdan il-kapaċitajiet disponibbli tagħha u rreferiet għall-Artikolu 15 tal-Ftehim dwar l-Anti-dumping tad-WTO, li skontu għandha tingħata attenzjoni speċjali mill-pajjiżi Membri żviluppati għas-sitwazzjoni speċjali tal-pajjiżi Membri li qed jiżviluppaw.

(45) Il-Kummissjoni ma qablitx mal-kummenti li saru mill-EPC. Fir-rigward tal-allegazzjoni tal-EPC li ma kinitx konxja mill-investigazzjoni sat-12 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni tfakkar li din l-investigazzjoni bdiet fil-15 ta' Novembru 2023 permezz tal-pubblikazzjoni ta' Notifika tal-Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Fl-istess jum, il-Kummissjoni nnotifikat lill-EPC u lill-Missjoni tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu direttament dwar il-bidu tal-investigazzjoni preżenti u stiednet lill-EPC biex tieħu sehem fil-proċess tat-teħid tal-kampjuni.

(46) Fir-rigward tal-allegazzjoni tal-EPC li kienet ipprovdiet kooperazzjoni sħiħa fi ħdan il-kapaċitajiet disponibbli tagħha u r-referenza tagħha għall-Artikolu 15 tal-Ftehim dwar l-Anti-dumping tad-WTO, il-Kummissjoni nnotat li l-kapaċitajiet limitati ta' kwalunkwe parti ma jistgħux jiġġustifikaw in-nuqqas ta' informazzjoni meħtieġa għall-fini ta' kalkolu preċiż tal-marġni tad-dumping jew l-impossibbiltà li tiġi kontroverifikata d-*data* sottomessa. Barra minn hekk, il-Kummissjoni fakkret li kienet aċċettat b'mod eċċezzjonali l-parteċipazzjoni tal-EPC fl-investigazzjoni minkejja l-fatti li l-EPC ma kinitx lestiet il-formola tal-kampjunar (ara l-premessa (13)) u li inizjalment resqet barra l-iskadenza regolari biex tagħmel dan.

(47) Għaldaqstant, il-Kummissjoni injorat b'mod proviżorju l-informazzjoni pprovduta mill-EPC u kkonfermat l-użu tal-fatti disponibbli fir-rigward ta' dan il-produttur esportatur abbażi tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku.

3.1.2. *Negozjanti mhux relatati*

(48) Skont l-informazzjoni fl-ilment, l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni saru permezz ta' negozjanti mhux relatati, u l-produtturi esportaturi kienu konxji mid-destinazzjoni finali tal-bejgħ permezz ta' dawn in-negozjanti. Il-Kummissjoni talbet u kisbet mingħand iż-żewġ produtturi esportaturi l-ismijiet u d-dettalji tal-kuntatt ta' dawn in-negozjanti. Seba' negozjanti mhux relatati, li flimkien jammontaw għal aktar minn 70 % tal-importazzjonijiet totali mill-Eġittu matul il-perjodu ta' investigazzjoni, lestew mill-inqas parzjalment il-kwestjonarju. Skont l-informazzjoni pprovduta, dawn in-negozjanti biegħu mill-ġdid il-prodott ikkonċernat jew lil klijenti fl-Unjoni jew lil klijenti f'pajjiżi terzi. L-ebda wieħed minnhom ma biegħ mill-ġdid il-prodott ikkonċernat lil klijenti fl-Eġittu.

(49) Ħlief biex jiġi kkonfermat li l-ebda bejgħ mill-ġdid tan-negozjanti mhux relatati ma daħal fis-suq domestiku fl-Eġittu, l-informazzjoni pprovduta minn dawn in-negozjanti ma kinitx meħtieġa għad-determinazzjoni tad-dumping fir-rigward tal-Eġittu. TCI Sanmar uriet id-destinazzjoni finali ta' dawn l-esportazzjonijiet fir-rekords tagħha, b'mod partikolari abbażi tad-dokumenti tat-trasport bil-baħar disponibbli.

3.1.3. *Valur Normali*

(50) Minħabba l-applikazzjoni tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku għall-EPC, kif deskritt fit-Taqsima 3.1.1 hawn fuq, id-deskrizzjoni tal-kalkolu tal-marġni tad-dumping ta' hawn taħt kienet tapplika biss għall-produttur esportatur Eġizzjan li kien fadal, TCI Sanmar.

(51) Il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku kienx rappreżentattiv, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku jkun rappreżentattiv jekk it-total tal-volum tal-bejgħ domestiku tal-prodott simili lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull produttur esportatur ikun jirrappreżenta mill-anqas 5 % tal-volum totali tiegħu ta' bejgħ għall-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Abbażi ta' dan, il-bejgħ totali tal-prodott simili fis-suq domestiku kien rappreżentattiv.

(52) Il-Kummissjoni mbagħad identifikat it-tipi ta' prodotti mibjugħa fil-livell domestiku li kienu identiċi jew kumparabbli mat-tipi ta' prodotti mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni b'bejgħ domestiku rappreżentattiv.

(53) Il-Kummissjoni mbagħad eżaminat jekk il-bejgħ domestiku għal kull tip ta' prodott li huwa identiku jew komparabbli ma' tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni kienx rappreżentattiv, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott huwa rappreżentattiv jekk il-volum totali ta' bejgħ domestiku ta' dak it-tip ta' prodott lil klijenti indipendenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni jirrappreżenta mill-anqas 5 % tal-volum totali ta' bejgħ għall-esportazzjoni tat-tip ta' prodott identiku jew komparabbli lejn l-Unjoni. Il-Kummissjoni stabbiliet li l-bejgħ domestiku kien rappreżentattiv minħabba li kien jirrappreżenta aktar minn 5 % tal-volum totali tal-bejgħ għall-esportazzjoni tal-prodott identiku lejn l-Unjoni.

(54) Imbagħad, il-Kummissjoni ddefiniet il-proporzjon tal-bejgħ profittabbli lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull tip ta' prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni sabiex tiddeċiedi jekk tużax il-bejgħ domestiku effettiv għall-kalkolu tal-valur normali, f'konformità mal-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.

(55) Il-valur normali huwa bbażat fuq il-prezz domestiku effettiv għal kull tip ta' prodott, irrispettivament minn jekk dak il-bejgħ huwiex profittabbli jew le, jekk:

(a) il-volum ta' bejgħ tat-tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz ta' bejgħ nett li huwa daqs jew ogħla mill-kost tal-input ikkalkolat, irrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum totali ta' bejgħ ta' dan it-tip ta' prodott; kif ukoll

(b) l-prezz tal-bejgħ medju ponderat ta' dak it-tip ta' prodott ikun daqs jew ogħla mill-kost tal-produzzjoni ta' unità.

(56) F'dan il-każ, il-valur normali huwa l-medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip ta' prodott matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

(57) Il-valur normali huwa l-prezz domestiku attwali għal kull tip ta' prodott tal-bejgħ domestiku profittabbli biss tat-tipi ta' prodotti matul il-perjodu ta' investigazzjoni, jekk:

(a) il-volum tal-bejgħ bi profitt tat-tip tal-prodott jirrappreżenta 80 % jew inqas mill-volum totali tal-bejgħ ta' dan it-tip; jew

(b) il-prezz medju ponderat ta' dan it-tip ta' prodott ikun inqas mill-kost tal-produzzjoni ta' unità.

(58) L-analiżi tal-bejgħ domestiku wriet li, skont it-tip ta' prodott, 5 % sa 97 % tal-bejgħ domestiku tat-tip ta' prodott rispettiv kien profittabbli u li l-prezz tal-bejgħ medju ponderat kien ogħla mill-kost tal-produzzjoni. Għaldaqstant, il-valur normali ġie kkalkulat bħala medja ponderata tal-bejgħ profittabbli biss, f'każ li l-bejgħ domestiku kien jirrappreżenta 80 % jew inqas tal-volum totali tal-bejgħ ta' dan it-tip.

3.1.4. *Prezz tal-esportazzjoni*

(59) TCI Sanmar esportat lejn l-Unjoni permezz ta' negozjanti mhux relatati, li xtraw il-prodott ikkonċernat minn TCI Sanmar u biegħuh mill-ġdid lill-klijenti indipendenti fl-Unjoni. Kif innutat hawn fuq fil-premessa (49), TCI Sanmar wriet id-destinazzjoni finali tal-bejgħ għall-esportazzjoni li sar lil negozjanti mhux relatati fir-rekords tagħhom.

(60) Il-prezz tal-esportazzjoni stabbilit b'dan il-mod kien il-prezz effettivament imħallas jew pagabbli għall-prodott ikkonċernat meta mibjugħ lin-negozjant mhux relatat, skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

3.1.5. *Tqabbil*

(61) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika.

(62) Fejn iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat tqabbil ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet, f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(63) TCI Sanmar u l-Gvern tal-Eġittu sostnew li skont l-Artikolu 2(10)(k) tar-Regolament bażiku, il-valuri normali għandhom jiġu aġġustati 'l isfel fid-dawl tal-effetti ta' kriżi tal-munita fuq l-ekonomija tal-Eġittu matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Biex tissostanzja l-affermazzjoni, TCI Sanmar indikat l-evoluzzjoni tal-ħekk imsejjaħ suq parallel jew iswed fejn muniti b'saħħithom bħad-Dollaru Amerikan ("USD") jew l-Euro ġew innegozjati b'rati ferm ogħla mir-rati tal-kambju uffiċjali stabbiliti mill-Bank Ċentrali tal-Eġittu (Central Bank of Egypt "CBE"), li ġie deskritt pereżempju f'rapport dwar l-Informazzjoni dwar is-Suq maħruġ mid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-Istati Uniti fid-19 ta' Settembru 2023 jew fi studju ppubblikat minn BNP Paribas. TCI Sanmar żiedet li għall-bejgħ domestiku tal-prodott ikkonċernat tħallas bil-lira Eġizzjana ("EGP"). Għall-finijiet ta' kontabilità, dawn il-pagamenti ġew ikkonvertiti f'USD. Minħabba r-regoli kontabilistiċi applikabbli, dawn il-konverżjonijiet kellhom ikunu bbażati fuq ir-Rata tas-CBE.

(64) Fit-22 ta' Marzu 2024, TCI Sanmar tennew l-affermazzjoni tagħhom u żiedu li l-Eġittu kien kiseb ftehim importanti mal-Fond Monetarju Internazzjonali ("FMI") b'valur ta' USD 8 biljun. Kundizzjoni ewlenija tal-ftehim, mill-perspettiva tal-FMI, kienet li s-CBE ppermetta lill-forzi tas-suq jistabbilixxu l-valur tal-EGP sabiex tiġi eliminata d-diverġenza bejn ir-rata tal-kambju uffiċjali u l-ħekk imsejħa rata tas-suq parallela. Wara li s-CBE qabel ma' din il-kundizzjoni, ir-rata tal-kambju uffiċjali nbidlet minn madwar 31 EGP - USD 1 (fil-5 ta' Marzu 2024) għal madwar 49 EGP — USD 1 (fis-6 ta' Marzu 2024) (tnaqqis fil-valur ta' madwar 60 %).

(65) Il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni inizjali u dik imtennija. L-ebda waħda mill-partijiet li għamlu l-affermazzjoni ma setgħet tissostanzja l-affermazzjonijiet, b'mod partikolari minħabba li ma kienx hemm rati storiċi rreġistrati ta' suq iswed jew parallel. Barra minn hekk, il-politika kontabilistika ta' TCI Sanmar stipulat l-użu tar-rati uffiċjali stabbiliti mis-CBE u għalhekk ikkonfermat il-fehma tal-Kummissjoni li tuża dawk ir-rati.

(66) Minbarra l-affermazzjoni mtennija, il-Kummissjoni ċċarat li l-avvenimenti wara l-perjodu ta' investigazzjoni normalment ma setgħux jiġu kkunsidrati għall-fini tad-determinazzjoni tad-dumping. Meta tqabbel il-prezzijiet tal-esportazzjoni u dawk domestiċi, il-Kummissjoni trid tiddependi biss fuq ir-rati tal-kambju uffiċjali. Bidla sinifikanti fir-rata tal-kambju kif seħħet fis-6 ta' Marzu 2024, ma tistax tiġi aċċettata bħala evidenza *ex post* li turi li tali rata tal-kambju mibdula b'mod sinifikanti tindika li għandha tiġi applikata għal perjodu preċedenti, hawnhekk il-perjodu ta' investigazzjoni.

(67) TCI Sanmar talbet ukoll provvediment għall-kost ta' kreditu. Il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni u qieset li l-fatti invokati minn TCI Sanmar kienu jiġġustifikaw aġġustament 'l isfel minflok 'il fuq tal-prezz tal-esportazzjoni ddikjarat minn TCI Sanmar. Għal finijiet ta' kunfidenzjalità, aktar dettalji ntbagħtu biss lil TCI Sanmar.

(68) L-aġġustamenti għall-merkanzija, l-assigurazzjoni, il-maniġġ, il-kostijiet tal-kreditu, l-imposti bankarji u l-kostijiet tal-ippakkjar tnaqqsu mill-prezzijiet tal-bejgħ domestiku u/jew tal-esportazzjoni fejn kienu rrapportati u nstabu li huma ġġustifikati.

3.1.6. *Marġnijiet tad-dumping*

(69) Fuq il-bażi ta' dan, il-marġnijiet medji ponderati ta' dumping proviżorji ta' TCI Sanmar espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma 86,1 %.

(70) Kif spjegat fil-premessi preċedenti minn (39) sa (47), f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, għall-EPC, il-Kummissjoni għamlet użu mill-fatti disponibbli. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni sabet li kien xieraq li jiġi stabbilit il-marġni tad-dumping għall-EPC abbażi tal-bejgħ rappreżentattiv tal-aktar tip ta' prodott rappreżentattiv mibjugħ lill-Unjoni minn TCI Sanmar. Dan it-tip ta' prodott kien jirrappreżenta aktar minn 90 % tal-esportazzjonijiet kollha magħmula minn TCI Sanmar lejn l-Unjoni u fin-nuqqas ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni qieset li din il-metodoloġija kienet tirrifletti b'mod xieraq il-potenzjal tal-kumpanija għal imġiba ta' dumping, filwaqt li qieset il-kuntest proċedurali li fih seħħet tali nuqqas ta' kooperazzjoni u l-evidenza rilevanti fil-file. Għalhekk, il-marġni ta' dumping ikkalkulat ammonta għal 109,5 % u ġie applikat għall-EPC.

(71) Il-produtturi esportaturi magħrufa kollha ppreżentaw ruħhom f'din l-investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ddeċidiet li tistabbilixxi l-marġni tad-dumping għall-produtturi esportaturi li ma jikkooperawx fil-livell tal-kumpanija bl-ogħla marġni tad-dumping, li hija l-EPC.

(72) Il-marġnijiet ta' dumping proviżorji espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping proviżorju
TCI Sanmar Chemicals S.A.E.	86,1 %
Egyptian Petrochemical Company	109,5 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	109,5 %

3.2. **L-Istati Uniti tal-Amerka**

3.2.1. *Negozjanti mhux relatati*

(73) Bħal fil-każ tal-Eġittu (ara l-premessa (48)), il-Kummissjoni talbet u kisbet miż-żewġ produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun l-ismijiet u d-dettalji tal-kuntatt tan-negozjanti mhux relatati li permezz tagħhom, skont l-informazzjoni fl-ilment, ġiet mgħoddija parti tajba mill-bejgħ tal-esportazzjoni tagħhom lejn l-Unjoni. Il-Kummissjoni kkuntattjat lin-negozjanti direttament u permezz tal-produtturi esportaturi fil-kampjun u stednithom biex jimlew kwestjonarju speċifiku mfassal biex jistabbilixxi d-destinazzjoni finali tal-bejgħ tal-PVC ta' Formosa u Westlake. Disa' negozjanti mhux relatati ssottomettew lill-Kummissjoni tweġiba parzjali jew kompluta għal dak il-kwestjonarju. Din l-informazzjoni kienet tkopri biss volum limitat ta' bejgħ tal-Unjoni mill-partijiet fil-kampjun. Madankollu, il-partijiet inklużi fil-kampjun infushom kisbu informazzjoni addizzjonali min-negozjanti mhux relatati tagħhom li tippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta d-destinazzjoni finali tal-volumi kollha tal-bejgħ tal-esportazzjoni ta' Formosa u 98,5 % tal-volumi tal-bejgħ tal-esportazzjoni ta' Westlake. Il-bejgħ kollu għall-esportazzjoni li għalih setgħet tiġi kkonfermata d-destinazzjoni tal-UE ntuża fil-kalkolu tad-dumping.

3.2.2. *Valur Normali*

(74) Il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku għal kull produttur esportatur fil-kampjun kienx rappreżentattiv, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku jkun rappreżentattiv jekk it-total tal-volum tal-bejgħ domestiku tal-prodott simili lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull produttur esportatur ikun jirrappreżenta mill-anqas 5 % tal-volum totali tiegħu ta' bejgħ għall-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-bejgħ totali minn kull produttur esportatur inkluż fil-kampjun tal-prodott simili fis-suq domestiku kien rappreżentattiv.

(75) Imbagħad, il-Kummissjoni identifikat it-tipi ta' prodotti mibjugħa fuq livell domestiku li kienu identiċi jew komparabbli għat-tipi ta' prodotti mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni għall-produtturi esportaturi b'bejgħ domestiku rappreżentattiv.

(76) Il-Kummissjoni mbagħad eżaminat jekk il-bejgħ domestiku minn kull produttur esportatur inkluż fil-kampjun fis-suq domestiku tiegħu għal kull tip ta' prodott li huwa identiku jew komparabbli ma' tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni kienx rappreżentattiv, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott huwa rappreżentattiv jekk il-volum totali ta' bejgħ domestiku ta' dak it-tip ta' prodott lil klijenti indipendenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni jirrappreżenta mill-anqas 5 % tal-volum totali ta' bejgħ għall-esportazzjoni tat-tip ta' prodott identiku jew komparabbli lejn l-Unjoni. Il-Kummissjoni stabbiliet li l-bejgħ domestiku li sar mill-produtturi esportaturi fil-kampjun kien rappreżentattiv minħabba li kien jirrappreżenta aktar minn 5 % tal-volum totali tal-bejgħ għall-esportazzjoni tal-prodott identiku lejn l-Unjoni.

(77) Imbagħad, il-Kummissjoni ddefiniet il-proporzjon tal-bejgħ profittabbli lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull tip ta' prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni sabiex tiddeċiedi jekk tużax il-bejgħ domestiku effettiv għall-kalkolu tal-valur normali, f'konformità mal-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.

(78) Il-valur normali huwa bbażat fuq il-prezz domestiku effettiv għal kull tip ta' prodott, irrispettivament minn jekk dak il-bejgħ huwiex profittabbli jew le, jekk:

(a) il-volum ta' bejgħ tat-tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz ta' bejgħ nett li huwa daqs jew ogħla mill-kost tal-input ikkalkolat, irrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum totali ta' bejgħ ta' dan it-tip ta' prodott; kif ukoll

(b) l-prezz tal-bejgħ medju ponderat ta' dak it-tip ta' prodott ikun daqs jew ogħla mill-kost tal-produzzjoni ta' unità.

(79) F'dan il-każ, il-valur normali huwa l-medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip ta' prodott matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

(80) Il-valur normali huwa l-prezz domestiku attwali għal kull tip ta' prodott tal-bejgħ domestiku profittabbli biss tat-tipi ta' prodotti matul il-perjodu ta' investigazzjoni, jekk:

(a) il-volum tal-bejgħ bi profitt tat-tip tal-prodott jirrappreżenta 80 % jew inqas mill-volum totali tal-bejgħ ta' dan it-tip; jew

(b) il-prezz medju ponderat ta' dan it-tip ta' prodott ikun inqas mill-kost tal-produzzjoni ta' unità.

(81) L-analiżi tal-bejgħ domestiku wriet li għaż-żewġ produtturi esportaturi, bl-eċċezzjoni ta' żewġ tipi ta' prodotti ta' Westlake, inqas minn 80 % tal-bejgħ domestiku kollu tagħhom kien profittabbli. Għaldaqstant, il-valur normali ġie kkalkulat bħala medja ponderata tal-bejgħ profittabbli biss għal dak il-bejgħ. Għaż-żewġ tipi ta' prodotti fil-produttur esportatur li għalihom aktar minn 80 % tal-bejgħ domestiku kien profittabbli, il-valur normali ġie kkalkulat bħala medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

3.2.3. *Prezz tal-esportazzjoni*

(82) Il-produtturi esportaturi fil-kampjun esportaw lejn l-Unjoni jew direttament lill-klijenti indipendenti jew, kif spjegat fil-premessa (73) permezz ta' negozjanti mhux relatati fl-Istati Uniti tal-Amerka.

(83) Għall-bejgħ dirett lill-klijenti indipendenti fl-Unjoni, il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għall-prodott ikkonċernat meta jinbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku. Għall-bejgħ indirett permezz ta' negozjanti mhux relatati fl-Istati Uniti tal-Amerka, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit abbażi tal-prezz li bih inbiegħ il-prodott ikkonċernat lil dawk in-negozjanti, f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

(84) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika.

(85) Fejn iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat tqabbil ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet, f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għat-trasport, il-kostijiet tal-kreditu, l-ippakkjar, l-iskontijiet u l-immaniġġjar u t-tagħbija meta applikabbli.

3.2.4. *Marġnijiet tad-dumping*

(86) Għall-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip ta' prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, f'konformità mal-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(87) Abbażi ta' dan, il-marġnijiet tad-dumping medji ponderati proviżorji espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping proviżorju
Formosa Plastics Corporation	70,3 %
Westlake Chemicals	58,0 %

(88) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw u li ma kinux inklużi mill-kampjun, il-Kummissjoni kkalkolat il-marġni tad-dumping medju ponderat tal-partijiet inklużi fil-kampjun, f'konformità mal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku.

(89) Fuq din il-bażi, il-marġni tad-dumping provviżorju tal-prodotturi esportaturi li kkooperaw u li ma humiex inklużi fil-kampjun huwa ta' 63,7 %.

(90) Biex tiddetermina l-metodoloġija għall-kalkolu tal-marġni tad-dumping residwu, jiġifieri l-marġni applikabbli għall-prodotturi esportaturi l-oħra kollha fl-Istati Uniti tal-Amerka li ma pparteċipawx matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni l-ewwel qieset il-livell ta' kooperazzjoni tal-prodotturi esportaturi. Il-livell ta' kooperazzjoni huwa l-volum ta' esportazzjonijiet tal-prodotturi esportaturi li kkooperaw lejn l-Unjoni espress bħala proporzjon tal-importazzjonijiet totali mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni, li ġew stabbiliti abbażi tal-istatistika minn Comext. L-erba' prodotturi esportaturi li kkooperaw kienu jirrappreżentaw 76,5 % [6] tal-esportazzjonijiet mill-Istati Uniti tal-Amerka lejn l-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ huwa meqjus baxx. Konsegwentement, għall-prodotturi esportaturi l-oħrajn kollha fl-Istati Uniti tal-Amerka, il-Kummissjoni stabbiliet il-marġni tad-dumping abbażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni ddeċidiet li tistabbilixxi l-marġni tad-dumping residwu fil-livell tad-dumping misjub għall-produttur esportatur inkluż fil-kampjun bl-ogħla marġni tad-dumping medju ponderat fuq l-aktar tip ta' prodott rappreżentattiv.

(91) Il-marġnijiet tad-dumping proviżorju espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

[6] Fil-kalkolu tar-rappreżentattività, il-Kummissjoni kkumparat il-bejgħ tal-UE tal-prodott ikkonċernat irrapportat mill-produtturi esportaturi tal-Istati Uniti li kkooperaw mal-istatistika tal-importazzjoni tal-Eurostat, aġġustata kif xieraq billi eskludiet l-E-PVC.

Kumpanija	Marġni tad-dumping proviżorju
Formosa Plastics Corporation	70,3 %
Westlake Chemicals	58,0 %
Kumpanniji oħra li kkooperaw	62,1 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	77,0 %

4. DANNU

4.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(92) Il-prodott simili kien manifatturat minn 12-il produttur fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dawn jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku. Tlieta mill-produtturi tal-Unjoni huma l-ilmentaturi.

(93) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni kienet stabbilita għal 3 842 081 tunnellata. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli dwar l-industrija tal-Unjoni, bħat-tweġiba għall-makrokwestjonarju, l-informazzjoni miġbura matul iż-żjarat ta' verifika lill-produtturi fil-kampjun, il-kwestjonarji sottomessi minn produtturi oħra li kkooperaw u l-istatistika uffiċjali tal-Eurostat. Kif indikat fil-premessa (9), tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

4.2. **Id-determinazzjoni tas-suq rilevanti tal-Unjoni**

(94) Sabiex tistabbilixxi jekk l-industrija tal-Unjoni soffritx dannu u biex tiddetermina l-konsum u d-diversi indikaturi ekonomiċi relatati mas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni eżaminat jekk u sa liema punt l-eżistenza ta' ftehimiet ta' tolling u attivitajiet upstream tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni tal-prodott simili kellha tiġi kkunsidrata fl-analiżi.

(95) Il-Kummissjoni sabet li tnejn mit-tliet produtturi fil-kampjun joperaw taħt ftehimiet ta' tolling. Skont kull ftehim ta' tolling, l-imprenditur kien entità oħra tal-grupp li kienet responsabbli għall-akkwist tal-materjali ta' input u għall-bejgħ tal-prodott simili li kien prodott bil-produttur inkluż fil-kampjun jiġi remunerat permezz ta' tariffa ta' tolling. Għalhekk, l-informazzjoni finanzjarja ta' żewġ produtturi fil-kampjun kienet insuffiċjenti biex titwettaq l-analiżi tad-dannu peress li r-riżultati finanzjarji jkunu pjuttost stabbli li jirriflettu t-tariffa tat-tolling u mhux ir-riżultati ekonomiċi tal-intraprendituri. Għalhekk, għal dawn iż-żewġ produtturi fil-kampjun, il-Kummissjoni kisbet aċċess għar-rekords tal-imprendituri u informazzjoni dwar il-koeffiċjenti tal-allokazzjoni sabiex tkun tista' tivverifika l-eżitu finanzjarju sħiħ tal-produzzjoni tal-prodott simili fis-siti fil-kampjun. Dan fisser li l-Kummissjoni setgħet tivverifika r-riżultati finanzjarji miksuba mill-intraprendituri mill-manifattura tal-PVC fis-siti meħuda bħala kampjun mit-tollers.

(96) S-PVC huwa polimeru termoplastiku magħmul mill-bniedem li jirriżulta mill-polimerizzazzjoni tal-klorur tal-vinil. Il-Monomer tal-Kloru tal-Vinil (VCM) huwa l-materja prima primarja u huwa prodott permezz ta' qsim termali tad-diklorur tal-etilen (EDC), prodott li huwa magħmul permezz tal-klorinazzjoni diretta jew l-ossiklorazzjoni tal-etilen. Wieħed mill-produtturi fil-kampjun jixtri l-etilen, il-kloru u/jew l-EDC mingħand fornituri terzi. Għaż-żewġ produtturi l-oħra fil-kampjun, l-intraprendituri rispettivi tagħhom jistgħu wkoll jakkwistaw EDC fis-suq (u jagħmlu dan regolarment) iżda l-gruppi tagħhom għandhom il-kapaċità li jipproduċu EDC bl-użu tal-kloru prodott minn entità konġunta fejn kull grupp ikollu sehem ta' 50 %. Il-kloru jinxtara bi prezz tat-trasferiment li baqa' stabbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u li huwa inkorporat f'mudell ta' kummerċ aċċettat minn awtoritajiet tat-taxxa differenti fi ħdan l-Unjoni bħala li huwa fil-prezz ta' distakkament.

(97) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand Westlake li argumentat għall-inklużjoni fl-analiżi tad-dannu tan-negozju relatat tas-soda kawstika. Is-soda kawstika u l-kloru huma prodotti bl-elettroliżi tal-melħ. Is-soda kawstika tintuża b'mod wiesa' fl-industrija tal-kimika bħala materjal fundamentali. L-ilmentaturi ddikjaraw li s-soda kawstika hija koprodott tal-produzzjoni tal-kloru, it-tnejn li huma prodotti fi kwantitajiet simili matul il-proċess tal-Kloralkali ([7]), u jikkontestaw li s-soda kawstika tista' titqies bħala koprodott jew il-prodott sekondarju tal-PVC. Il-Kummissjoni nnotat li sal-punt li mhux il-produtturi kollha tal-PVC huma involuti fil-produzzjoni tal-kloru, dan huwa indikatur b'saħħtu ħafna li ż-żewġ industriji, għalkemm it-tnejn assoċjati mal-proċess tal-Kloralkali, iridu jitqiesu bħala industriji separati ([8]).

(98) Westlake sostniet ukoll li hemm tliet segmenti ta' prodotti differenti fis-suq tal-S-PVC ("bażiku", "mili tal-polimeru" u "speċjali") u li l-investigazzjoni ma għamlitx distinzjoni xierqa bejniethom. Westlake allegat li t-tliet segmenti kienu ġew rikonoxxuti mill-Kummissjoni qabel fil-kuntest ta' kwistjonijiet ta' kompetizzjoni. Il-Kummissjoni nnotat li d-dokument imsemmi minn Westlake kien jindika li s-segmenti speċjali u mili tal-polimeru kienu swieq niċċa ([9]). Min-naħa tagħhom, l-ilmentaturi argumentaw li l-S-PVC bażiku, tal-mili tal-polimeru u speċjali għandhom l-istess karatteristiċi kimiċi bażiċi u li huma biss tipi ta' prodotti u li n-Numri ta' Kontroll tal-Prodott (Product Control Numbers "PCN") proposti mill-Kummissjoni kienu preċiżi biżżejjed biex tieħu kont tad-differenzi li jaffettwaw il-komparabbiltà tal-prezzijiet jew id-determinazzjoni tad-dannu u l-kawżalità. L-ilmentaturi sostnew ukoll li Westlake ma pprovdietx evidenza li dawk li huma suppost segmenti wieħed jew aktar kienu aktar probabbli li jkunu kkonċernati minn oħrajn mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, li ma ġiet offruta l-ebda evidenza li tipprova li d-differenzi fil-prezz ma jistgħux jiġu indirizzati mill-istruttura tal-PCN u li ma kienx hemm evidenza li l-prodotti mhumiex interkambjabbli. Il-Kummissjoni nnotat li l-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun jipproduċu l-aktar S-PVC bi skop ġenerali komuni (imsejjaħ bażiku minn Westlake) u li d-determinant ewlieni tal-użu tal-S-PVC kien il-valur K tiegħu ([10]); u li S-PVC imsejjaħ bażiku jinqabad minn PCNs B u C fl-investigazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni sabet li t-terminu "speċjali" huwa aktar klassifikazzjoni jew terminu kummerċjali u mhux standard tal-industrija (peress li prodott li jissejjaħ "speċjali" minn produttur wieħed jista' jitqies bħala "bażiku" minn ieħor).

(99) Il-Kummissjoni nnutat li d-differenzi fil-proċess ta' produzzjoni huma minuri peress li huwa evidenti mill-fatt li produttur wieħed fil-kampjun jista' juża wkoll l-istess linji biex jipproduċi xi S-PVC speċjali ([11]). Il-Kummissjoni nnotat li filwaqt li Westlake kienet taf li t-tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun ma kinux joperaw fit-tliet segmenti allegati, hija ma għamlet l-ebda kumment dwar il-kampjun propost tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda evidenza ta' rilevanza tas-segmenti allegati dwar il-prezzijiet, il-kostijiet jew is-segmentazzjoni tas-suq li ma nqabdux mill-istruttura tal-PCN. L-affermazzjoni magħmula minn Westlake dwar l-eżistenza ta' tliet segmenti ġiet, għalhekk, miċħuda.

([7]) Il-proċess tal-kloralkali huwa proċess industrijali għall-elettroliżi tas-soluzzjonijiet tal-klorur tas-sodju (NaCl). Dan jirreferi għat-teknoloġija użata għall-produzzjoni tal-kloru u l-idrossidu tas-sodju (soda kawstika), li t-tnejn huma sustanzi kimiċi bażiċi tal-komoditajiet meħtieġa mill-industrija.

([8]) L-argumenti ppreżentati mill-ilmentaturi kienu jinkludu ħames raġunijiet: (i) il-PVC u s-soda kawstika jservu suq differenti u distint, (ii) mhux il-produtturi kollha tal-PVC huma integrati u jipproduċu soda kawstika, (iii) il-PVC u s-soda kawstika mhumiex prodotti fl-istess proċess ta' produzzjoni, (iv) il-kloru u s-soda kawstika huma koprodotti tal-elettroliżi tal-melħ, u (v) ikun impossibbli li jiġi aċċertat liema waħda miż-żewġ industriji tipproduċi l-prodott primarju u liema industrija tipproduċi it tieni "prodott sekondarju".

([9]) Każ M.6905 — INEOS/Solvay/JV li huwa disponibbli fuq il-link (https://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/decisions/m6905_8118_2.pdf).

([10]) Il-valur K huwa indikatur tal-piż molekulari u l-grad ta' polimerizzazzjoni u l-Kummissjoni għażlet erba' PCNs differenti bbażati fuq il-Valur K, filwaqt li espandiet it-tliet strutturi tal-PCN proposti fl-ilment. Produttur wieħed biss tal-Unjoni fil-kampjun ipproduċa proporzjon minuri ta' S-PVC speċjali bl-użu tal-istess linji li pproduċew S-PVC għal skop ġenerali. Dan il-produttur uża t-terminu S-PVC speċjali meta l-prodott kien ġie personalizzat għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-utent (eż., billi inkluda addittivi, jagħtih kulur...).

([11]) Ir-rapport għall-Każ M.6905 jgħid li "Fil-fatt, il-mili tal-polimeru jista' jiġi prodott fuq linji ta' produzzjoni użati għall-produzzjoni ta S-PVC speċjali jew S-PVC bażiku, sakemm ikun hemm unità ta' tnixxif xierqa. Dan huwa minħabba li l-partiċelli tal-S-PVC tal-mili tal-polimeru huma ferm iżgħar minn partiċelli tal-SPVC bażiku u, għalhekk, huwa meħtieġ tagħmir tat-tnixxif aktar sofistikat. L-S-PVC speċjali jista' jiġi prodott ukoll fuq linji ta' produzzjoni normalment użati għall-produzzjoni ta' S-PVC bażiku jew tal-mili tal-polimeru, sakemm ikun hemm linji ta' injezzjoni tal-komonomeru u unitajiet xierqa ta' rkupru ta' monomeru fis-seħħ."

4.3. **Konsum tal-Unjoni**

(100) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni abbażi ta':

— il-bejgħ verifikat tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun;

— il-bejgħ tal-produtturi tal-PVC tal-Unjoni li kkooperaw mhux fil-kampjun, miksub mill-ilmentaturi;

— il-bejgħ ta' produtturi oħra tal-PVC tal-Unjoni, miksub f'sottomissjonijiet li saru lill-Kummissjoni;

— il-bejgħ tal-bqija tal-produtturi tal-PVC tal-Unjoni estrapolat abbażi tal-proporzjon tagħhom tal-produzzjoni tal-PVC fl-Unjoni fl-aħħar *data* tal-istatistika uffiċjali (PRODCOM);

— l-importazzjonijiet tal-PVC fl-Unjoni kif irreġistrati fil-bażi tad-*data* Comext tal-Eurostat.

(101) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 1

Konsum tal-Unjoni (tunnellati)

	2020	2021	2022	PI
Konsum totali tal-Unjoni	3 952 433	4 452 620	3 636 723	3 223 419
Indiċi	*100*	*113*	*92*	*82*

Sors: L-industrija tal-Unjoni, il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, produtturi oħra tal-Unjoni, l-Eurostat.

(102) Il-konsum tal-Unjoni tal-prodott simili ġie stabbilit billi ġiet ikkombinata l-informazzjoni dwar il-bejgħ tal-UE mill-produtturi tal-Unjoni (kif deskritt fil-premessa(100)) u d-*data* tal-importazzjoni mill-Eurostat. Peress li l-prodott investigat jinkludi l-S-PVC biss, l-importazzjonijiet ta' S-PVC kienu stmati li huma 96 % tal-importazzjonijiet taħt il-kodiċi NM 3904 10 00, il-bqija huma importazzjonijiet ta' E-PVC. Id-diviżjoni tal-importazzjonijiet taħt il-kodiċi NM 3904 10 00 bejn iż-żewġ tipi ta' PVC saret abbażi tal-informazzjoni dwar is-suq inkluża fl-ilment.

(103) Il-konsum totali tal-Unjoni għandu xejra 'l isfel mill-2021, sena li bbenefikat minn irkupru qawwi wara l-pandemija tal-COVID-19. Mill-2020, il-konsum totali tal-Unjoni naqas bi 18 % affettwat minn tnaqqis attwali fis-settur tal-kostruzzjoni fl-Unjoni.

4.4. **Importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati**

4.4.1. *Valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati*

(104) Il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet tal-S-PVC li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati għandhomx jiġu vvalutati b'mod kumulattiv, skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku.

(105) Il-marġni tad-dumping stabbilit fir-rigward tal-importazzjonijiet mill-Eġittu u mill-Istati Uniti tal-Amerka kien ogħla mil-limitu *de minimis* stabbilit fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament bażiku. Il-volum tal-importazzjonijiet minn kull pajjiż ikkonċernat ma kienx negliġibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 5(7) tar-Regolament bażiku. L-ishma mis-suq fil-perjodu ta' investigazzjoni kienu 1,92 % u 8,30 % rispettivament.

(106) Il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Eġittu u l-Istati Uniti tal-Amerka u bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati u l-prodott simili kienu simili. B'mod aktar speċifiku, il-prodotti importati kkompetew ma' xulxin u mal-S-PVC prodott fl-Unjoni għaliex l-utenti industrijali għandhom aċċess kemm għat-timijiet tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni kif ukoll għan-negozjanti b'mod simili u t-tnejn iservu kategoriji simili ta' klijenti.

(107) Għalhekk, il-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku ġew issodisfati u l-importazzjonijiet mill-Eġittu u mill-Istati Uniti tal-Amerka ġew eżaminati b'mod kumulattiv għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-dannu.

4.4.2. *Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati*

(108) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet abbażi tad-*data* tal-Eurostat. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit abbażi tal-istatistika disponibbli skont il-prodott u l-istima tal-konsum għall-perjodu ta' investigazzjoni abbażi tal-aħħar *data* disponibbli (2022).

(109) L-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiżi ikkonċernati żviluppaw kif ġej:

Tabella 2

Volum tal-importazzjonijiet (tunnellati) u sehem mis-suq

	2020	2021	2022	PI
L-EĠITTU				
Volum ta' importazzjonijiet	7 252	24 566	44 562	62 004
Indiċi (2020 = 100)	*100*	*339*	*614*	*855*
Sehem mis-suq	0,18 %	0,55 %	1,23 %	1,92 %
Indiċi (2020 = 100)	*100*	*300*	*668*	*1 048*
L-ISTATI UNITI TAL-AMERKA (USA)				
Volum ta' importazzjonijiet	33 737	41 430	127 713	267 390
Indiċi (2020 = 100)	*100*	*123*	*379*	*793*
Sehem mis-suq tal-Istati Uniti tal-Amerka	0,85 %	0,93 %	3,51 %	8,30 %
Indiċi (2020 = 100)	*100*	*109*	*411*	*972*
PAJJIŻI KKONĊERNATI				
Volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati	40 989	65 996	172 275	329 394
Indiċi (2020 = 100)	*100*	*161*	*420*	*804*
Is-sehem mis-suq tal-pajjiżi kkonċernati	1,04 %	1,48 %	4,74 %	10,22 %
Indiċi (2020 = 100)	*100*	*143*	*457*	*985*

Sors: Eurostat.

(110) F'termini assoluti, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu b'288 405 tunnellata matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. B'mod parallel, is-sehem mis-suq totali tal-importazzjonijiet tal-pajjiżi kkonċernati żdied b'9,18 punti perċentwali (l-importazzjonijiet fil-perjodu ta' investigazzjoni kienu tmien darbiet ogħla milli fl-2020). L-importazzjonijiet Eġizzjani żdiedu b' 54 750 tunnellata matul il-perjodu kkunsidrat u laħqu sehem mis-suq ta' 1,92 %. L-importazzjonijiet tal-Istati Uniti żdiedu b' 233 653 tunnellata matul il-perjodu kkunsidrat u laħqu sehem mis-suq ta' 8,30 %. L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati laħqu sehem mis-suq ta' 10,22 % fil-perjodu ta' investigazzjoni.

4.4.3. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u tnaqqis fil-prezz/trażżin tal-prezzijiet*

(111) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi tad-*data* tal-Eurostat. It-twaqqigħ tal-prezz tal-importazzjonijiet ġie stabbilit abbażi tal-prezzijiet CIF miksuba mill-produtturi esportaturi fil-kampjun (ara l-premessi (69) u (87)).

(112) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiżi kkonċernati żviluppa kif ġej:

Tabella 3

Prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/tunnellata)

	2020	2021	2022	PI
L-EĠITTU				
Prezz Medju	688	1 449	1 353	926
Indiċi	*100*	*211*	*197*	*135*
L-ISTATI UNITI TAL-AMERKA (USA)				
Prezz Medju	821	1 525	1 405	903
Indiċi	*100*	*186*	*171*	*110*
PAJJIŻI KKUNSIDRATI				
Prezz Medju Ponderat	798	1 497	1 392	907
Indiċi	*100*	*188*	*174*	*114*

Sors: Eurostat.

(113) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet Eġizzjani żdied drastikament fl-2021, u laħaq EUR 1 449/tunnellata (minn EUR 668/tunnellata fl-2020) u mbagħad naqas bi ftit għal EUR 1 353/tunnellata fl-2022 u EUR 926/tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni. Il-prezz medju tal-importazzjonijiet tal-Istati Uniti segwa xejra simili b'żieda qawwija fl-2021, u laħaq EUR 1 525/tunnellata (minn EUR 821/tunnellata fl-2020) u mbagħad naqas gradwalment għal EUR 1 405/tunnellata fl-2022 u EUR 903/tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(114) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-prezz unitarju medju tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati żdied b' 14 %. Fl-2020 u l-2021, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati ġew ipprezzati aktar mill-prezzijiet tal-bejgħ osservati tal-Unjoni tal-produtturi fil-kampjun (b' 16 % u 27 % rispettivament), kif muri fit-Tabelli 3 u 7. Madankollu, fl-2022 u matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezzijiet tal-importazzjoni kienu madwar 11 % u 20 % aktar baxxi meta mqabbla mal-prezzijiet tal-Unjoni.

(115) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet:

— il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati għal kull tip ta' prodott tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun li ġew iddebitati lill-konsumaturi mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell tal-prezz mill-fabbrika; kif ukoll

— il-prezzijiet medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi fil-kampjun lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti abbażi ta' CIF, b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali u l-kostijiet ta' wara l-importazzjoni.

(116) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi ta' tip b'tip għat-tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, bl-aġġustament dovut meta neċessarju, u wara tnaqqis tar-ribassi u tal-iskontijiet. Ir-riżultat tat-tqabbil kien espress bħala perċentwal tal-fatturat ipotetiku tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Dan wera marġni ta' twaqqigħ tal-prezz medju ponderat ta' bejn 25 % u 35 % għall-produtturi Eġizzjani, marġni medju ponderat ta' twaqqigħ tal-prezz ta' bejn 30 % u 35 % għall-produtturi tal-Istati Uniti u twaqqigħ tal-prezz medju ponderat kumulattiv ta' bejn 27 % u 33 % għall-produtturi fil-kampjun fl-Istati Uniti u l-Eġittu flimkien.

(117) Fi kwalunkwe każ, irrispettivament mis-sejbiet dwar it-twaqqigħ tal-prezz, il-Kummissjoni osservat li l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping iwasslu wkoll għal soppressjoni tal-prezzijiet sinifikanti (kif rifless mill-marġni tal-bejgħ taħt il-prezz) matul il-PI, meta l-industrija tal-Unjoni biegħet taħt l-kost tal-produzzjoni tagħha.

4.5. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.5.1. *Rimarki ġenerali*

(118) F'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li kellhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(119) Kif imsemmi fil-premessa (9), il-kampjunar intuża għad-determinazzjoni tad-dannu possibbli li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

(120) Sabiex tiddetermina d-dannu, l-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi abbażi tad-*data* li tinsab fil-makrokwestjonarju ppreżentat mill-ilmentaturi li l-Kummissjoni aġġornat bl-informazzjoni pprovduta minn produtturi oħra, l-informazzjoni miksuba matul iż-żjarat ta' verifika u d-*data* tal-Eurostat. Id-*data* għall-bqija tal-produtturi tal-Unjoni ġiet stmata abbażi tal-informazzjoni dwar is-suq u statistika oħra tal-Eurostat skont l-informazzjoni dwar il-prodott kif imsemmi fil-premessa (100). Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi abbażi tad-*data* li tinsab fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet ta' *data* nstabu li jirrappreżentaw is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(121) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat.

(122) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji ta' unità, il-kost ta' unità, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

4.5.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.5.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(123) Il-produzzjoni totali tal-UE hija stmata abbażi tad-*data* tal-Eurostat għall-prodott simili (il-kodiċi Prodcom 2016.30.10). L-istatistika tal-Prodcom hija ppubblikata kull sena mill-Eurostat u l-aħħar ċifra disponibbli hija għall-2022. Il-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni għall-perjodu ta' investigazzjoni ġiet stabbilita biż-żieda tal-produzzjoni tas-siti kollha fl-Unjoni tal-ilmentaturi u ta' produtturi oħra li pprovdew informazzjoni dettaljata lill-Kummissjoni, u bis-suppożizzjoni tal-istess piż relattiv bħal dak osservat fl-2022 għall-bqija.

(124) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 4

Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

	2020	2021	2022	PI
Volum tal-produzzjoni (tunnellati)	4 953 948	4 976 725	4 125 375	3 842 081
Indiċi	*100*	*100*	*83*	*78*
Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati)	5 455 000	5 455 000	5 555 000	5 555 000
Indiċi	*100*	*100*	*102*	*102*
Użu tal-kapaċità	91 %	91 %	74 %	69 %
Indiċi	*100*	*100*	*82*	*76*

Sors: Produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, produtturi oħra tal-Unjoni, Eurostat, informazzjoni dwar is-suq dwar il-kapaċità ta' produtturi oħra.

(125) Il-produzzjoni fil-prodott simili fl-Unjoni għandha xejra 'l isfel influwenzata mill-impatt ekonomiku ta' inflazzjoni u rati tal-imgħax ogħla, li affettwaw b'mod sinifikanti s-settur tal-kostruzzjoni, li huwa l-klijent ewlieni tal-prodott simili.

(126) Il-kapaċità tal-produzzjoni baqgħet relattivament stabbli. Iż-żidiet fil-kapaċità fl-industrija tal-kimika jieħdu żmien twil biex jiġu ppjanati u eżegwiti minħabba tħassib ambjentali u ta' sikurezza. Iż-żieda osservata fl-2022 hija fil-biċċa l-kbira spjegata minn produttur wieħed fil-kampjun u tirriżulta minn riorganizzazzjoni fit-tfittxija għal effiċjenza ogħla. Sit tal-produzzjoni ngħalaq fl-Unjoni qabel l-2020 u waħda mit-tliet linji ta' produzzjoni magħluqa ġiet ittrasferita lejn sit li kien fadal. Minħabba d-differenzi fiż-żmien bejn l-għeluq tas-sit u l-installazzjoni tal-linja l-ġdida, ix-xejra turi żieda fil-kapaċità filwaqt li fit-tul, il-produttur fil-kampjun naqqas il-kapaċità tiegħu.

(127) L-użu tal-kapaċità baqa' stabbli fl-2020 u fl-2021 u wera xejra 'l isfel mill-2022. Ir-rata ta' użu tal-kapaċità ta' 69 % hija baxxa għall-proċessi kimiċi peress li kwalunkwe utilizzazzjoni ta' madwar 50 % għal kull linja toħloq riskji sinifikanti f'termini ta' deterjorament u sikurezza tal-assi. Il-linji tal-produzzjoni mhumiex imfassla, fl-Unjoni jew fil-pajjiżi kkonċernati, biex ivarjaw fil-flussi tal-produzzjoni tagħhom, u l-produtturi jiffaċċjaw ostakli biex jagħlqu u jerġgħu jiftħu linja biex jakkomodaw id-domanda. Il-Kummissjoni rċeviet stimi li l-għeluq ta' linja għal inqas minn sitt xhur x'aktarx ma jkunx ekonomikament vijabbli u l-esperjenza matul il-pandemija tal-COVID-19 turi li l-linji kimiċi ma setgħux jingħalqu anke meta kien hemm domanda baxxa għall-prodott ikkonċernat.

4.5.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

(128) Il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni ġie stabbilit bl-użu ta' metodoloġija simili għal dik applikata għad-*data* tal-produzzjoni. Il-bejgħ matul il-perjodu ta' investigazzjoni huwa stmat filwaqt li titqies id-*data* magħrufa mill-ilmentaturi u minn produtturi oħra li pprovdew informazzjoni dettaljata lill-Kummissjoni u filwaqt li titqies ir-rappreżentattività ta' dan is-sottogrupp f'termini ta' produzzjoni. Dan l-approċċ għandu l-vantaġġ li jsegwi l-istess prinċipju iżda jħalli barra l-impatt ta' bidliet possibbli fil-volumi tal-istokk. Minħabba li l-industrija tal-Unjoni għandha livelli relattivament baxxi ta' stokk (madwar tnejn jew tliet ġimgħat), il-Kummissjoni qieset li din hija suppożizzjoni raġonevoli.

(129) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 5

Volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

	2020	2021	2022	PI
Volum tal-bejgħ totali fis-suq tal-Unjoni (tunnellati)	3 593 662	3 981 285	3 120 959	2 571 820
Indiċi	*100*	*111*	*87*	*72*
Sehem mis-suq	91 %	89 %	86 %	80 %
Indiċi	*100*	*98*	*94*	*88*

Sors: Produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, produtturi oħra tal-Unjoni, Eurostat.

(130) Il-volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni varja b'mod sinifikanti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni minħabba l-impatti suċċessivi tal-pandemija, l-irkupru ekonomiku qawwi, u l-emerġenza ta' kriżi tal-enerġija fl-2022. F'dan il-kuntest, l-analiżi tas-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni tipprovdi xejra aktar ċara. Ix-xejra negattiva ġenerali fis-sehem mis-suq tidher b'mod ċar fl-2022 meta l-industrija tal-Unjoni esperjenzat telf sinifikanti fis-sehem mis-suq li dduplika dak esperjenzat is-sena ta' qabel (l-indiċi niżel b'żewġ punti fl-2021 u erba' punti fl-2022) u iggrava matul il-perjodu ta' investigazzjoni (l-indiċi naqas b'sitt punti). B'mod ġenerali, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 12 % fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(131) It-telf tas-sehem mis-suq f'suq dgħajjef iggrava l-impatt tal-importazzjonijiet tal-prodott simili mill-pajjiżi kkonċernati, li kif deskritt fil-premessa (110) kiseb sehem mis-suq.

(132) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand l-utenti u l-produtturi esportaturi li jindikaw li t-telf tas-sehem mis-suq mill-industrija tal-Unjoni kien indikazzjoni tat-telf tal-kompetittività tagħha u l-attenzjoni insuffiċjenti għall-ħtiġijiet tal-klijenti. Il-Kummissjoni sabet li l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra għajr il-pajjiżi kkonċernati ma esperjenzawx l-istess żieda fis-sehem mis-suq li jidher li jindika li t-telf tal-kompetittività seta' kien biss *vis-à-vis* produtturi tal-prodott simili li jinsabu fil-pajjiżi kkonċernati u li kien parti mill-investigazzjoni tagħha biex teżamina jekk dan kienx derivat minn prattiki kummerċjali inġusti. Fir-rigward tal-ħtiġijiet tal-klijenti, il-Kummissjoni nnotat li l-utenti kienu jiddependu fuq ix-xiri tal-prodott simili kemm mill-produtturi tal-Unjoni kif ukoll mill-produtturi mill-pajjiżi kkonċernati, li hija indikazzjoni qawwija li l-industrija tal-Unjoni tkompli taqdi lill-klijenti tagħha b'mod simili u komparabbli.

4.5.2.3. Tkabbir

(133) Il-konsum tal-Unjoni naqas bi 18 % matul il-perjodu kkunsidrat, filwaqt li l-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni naqas bi 28 %. Madankollu, il-konsum kien volatili ħafna, b'żieda qawwija fl-2021, bħala konsegwenza tal-irkupru ekonomiku b'saħħtu ta' wara l-pandemija fl-Unjoni, ta' 11 % f'volumi; u tnaqqis modest *vis a vis* l-2020 fl-2022 meta s-sitwazzjoni reġgħet lura għal imġiba ekonomika aktar normali mill-utenti u l-konsumaturi u l-konsum kien 13 % inqas mill-2020. B'konsegwenza ta' dan, l-industrija tal-Unjoni tilfet sehem mis-suq, għall-kuntrarju tas-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati li żdied bi 885 % matul il-perjodu kkunsidrat, u laħaq 10,22 % fil-perjodu ta' investigazzjoni (minn 1,04 % fl-2020).

4.5.2.4. Impjiegi u produttività

(134) L-għadd ta' impjegati tal-industrija tal-Unjoni ġie stabbilit bl-użu ta' metodoloġija simili għal dik applikata għad-*data* tal-produzzjoni u tal-bejgħ. Id-*data* dwar l-impjiegi u l-produttività ġiet stabbilita abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-ilmentaturi, it-tweġibiet minn produtturi oħra tal-Unjoni u l-istimi bbażati fuq id-*data* tal-Eurostat.

(135) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 6

Impjieg u produttività

	2020	2021	2022	PI
Numru ta' impjegati	4 135	4 068	3 975	4 014
Indiċi	*100*	*98*	*96*	*97*
Produttività (tunnellati/impjegat)	1 198	1 223	1 038	957
Indiċi	*100*	*102*	*87*	*80*

Sors: Produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, produtturi oħra tal-Unjoni, Eurostat.

(136) L-għadd ta' impjegati baqa' relattivament stabbli matul il-perjodu kkunsidrat (– 3 %). Dan huwa konsistenti ma' kapaċità stabbli tal-produzzjoni peress li l-għadd ta' impjegati meħtieġa biex joperaw l-impjanti ma jvarjax f'konformità mar-rata tal-użu tal-kapaċità. Bl-istess mod, l-impjanti huma mfassla biex jitħaddmu full-time fil-mudelli tax-xift tax-xogħol, u l-produtturi ma għandhomx il-flessibbiltà li joperaw inqas jiem fil-ġimgħa biex jakkomodaw il-produzzjoni għad-domanda.

(137) Il-produttività għal kull impjegat ħadet terminu negattiv avvers fl-2022 u dan kompla jaggrava matul il-perjodu ta' investigazzjoni. F'kuntest ta' riġidità f'termini ta' numru ta' impjegati, il-livelli baxxi ta' bejgħ u għalhekk ta' produzzjoni, irriżultaw f'kuntest ta' produttività baxxa. B'mod ġenerali, il-produttività f'tunnellati għal kull impjegat naqset b' 20 %.

(138) Kif inhu komuni fl-industrija tal-kimika, il-produttività għal kull impjegat tintwera l-aqwa mod mill-kwantitajiet prodotti għal kull impjegat. Il-Kummissjoni rċeviet kummenti minn produttur li jinsab fl-Istati Uniti tal-Amerka li jissuġġerixxu li l-produttività għandha tiġi indikata fil-valur għal kull impjegat. Il-Kummissjoni tinnota li l-proporzjon propost mhuwiex normali f'kuntest ta' volatilità tal-prezzijiet maħluqa mill-konkatenazzjoni tal-pandemija tal-COVID-19, l-irkupru qawwi u l-kriżi tal-enerġija. Il-proporzjon propost jipprovdi miżura ta' produttività li taħbi r-realtà billi tħallat il-volumi u l-prezzijiet u xxekkel l-analiżi biex jiġi ddeterminat jekk hemmx dannu għall-produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għalhekk ċaħdet il-proposta.

4.5.2.5. Kobor tal-marġni tad-dumping u rkupru minn dumping fil-passat

(139) Il-marġnijiet kollha tad-dumping kienu ferm oġħla mil-livell *de minimis*. L-impatt tad-daqs tal-marġni attwali tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien sostanzjali, meta jitqiesu l-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati.

(140) Din hija l-ewwel investigazzjoni anti-dumping dwar il-prodott ikkonċernat. Għaldaqstant, ma kien hemm l-ebda *data* disponibbli biex jiġu vvalutati l-effetti ta' dumping possibbli fil-passat.

4.5.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.5.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(141) Il-prezzijiet medji ponderati ta' bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 7

Il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni

	2020	2021	2022	PI
Il-prezz medju ta' bejgħ ta' unità fl-Unjoni fis-suq totali (EUR/tunnellata)	690	1 177	1 566	1 134
Indiċi	*100*	*170*	*227*	*164*
Kost tal-produzzjoni ta' unità (EUR/ tunnellata)	677	967	1 354	1 162
Indiċi	*100*	*143*	*200*	*172*

Sors: Produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(142) Il-prezz medju ta' bejgħ ta' unità fl-Unjoni kien volatili ħafna matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. L-irkupru qawwi ta' wara l-pandemija tal-2021 irriżulta f'żieda fil-prezzijiet li qabżet iż-żieda notevoli fil-kostijiet. Is-sitwazzjoni ma baqgħetx hekk għal żmien twil minħabba li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna kkontribwiet għal kriżi tal-enerġija fl-Unjoni u żieda kbira sussegwenti fil-kostijiet li kienet fil-biċċa l-kbira assorbita minn żieda fil-prezz tal-bejgħ. Filwaqt li s-sitwazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kienet għadha finanzjarjament soda bil-prezzijiet tal-bejgħ li jkopru l-kost sħiħ tal-produzzjoni, is-sitwazzjoni malajr marret għall-agħar fi tmiem l-2022, meta l-produtturi fil-kampjun kienu diġà qed ikollhom diffikultajiet biex il-kostijiet kollha jiġu assorbiti mill-prezzijiet tal-bejgħ. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-kost tal-produzzjoni aġġustat ladarba l-kriżi tal-enerġija naqset iżda l-prezz tal-bejgħ naqas saħansitra aktar kif muri fit-Tabella 7 (fil-perjodu ta' investigazzjoni, il-kost tal-produzzjoni naqas b' 14 % iżda l-prezz medju tal-bejgħ naqas saħansitra aktar b' 28 %). B'riżultat ta' dan, il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kienu qed joperaw b'telf matul il-perjodu ta' investigazzjoni, u dan jindika l-kobor tal-impatt tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fuq is-setgħa tal-ipprezzar tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, li saru prendituri tal-prezzijiet f'suq influwenzat minn volumi kbar ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Eġittu u l-Istati Uniti.

(143) B'mod ġenerali, matul il-perjodu kkunsidrat, il-prezzijiet tal-bejgħ żdiedu b' 64 % u l-kostijiet tal-produzzjoni żdiedu bi 72 %.

4.5.3.2. Kostijiet lavorattivi

(144) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 8

Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2020	2021	2022	PI
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	115 266	117 134	119 662	120 571
Indiċi	*100*	*102*	*104*	*105*

Sors: Produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(145) It-tabella ta' hawn fuq turi li l-kostijiet lavorattivi medji kienu relattivament stabbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun spjegaw li l-kostijiet lavorattivi huma riġidi u li l-biċċa l-kbira tal-kostijiet lavorattivi tagħhom mhumiex ikkontrollati minnhom peress li huma stabbiliti mil-liġi, mill-ftehimiet tax-xogħol, jew mill-kuntratti. Pereżempju, l-indiċjar tas-salarji huwa obbligatorju taħt il-liġi Belġjana u l-impjegaturi ma għandhomx id-diskrezzjoni li jindiċjaw jew le s-salarji jew iż-żmien ta' dan l-indiċjar. Barra minn hekk, fir-rigward tal-livell relattivament għoli ta' dawn il-kostijiet, il-Kummissjoni nnotat li l-industrija tal-kimika hija intrinsikament perikoluża, soġġetta għal ċikli tax-xogħol bix-xift u mudelli tax-xogħol eżiġenti, il-fatturi kollha li jikkontribwixxu għal kostijiet lavorattivi relattivament għoljin.

(146) Il-Kummissjoni ma tqisx li ż-żieda limitata osservata fil-kost lavorattiv medju għal kull impjegat tqajjem dubji dwar l-allegat dannu ddikjarat fl-ilment.

4.5.3.3. Inventarji

(147) Il-livelli tal-istokkijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 9

Inventarji

	2020	2021	2022	PI
Stokkijiet tal-għeluq (tunnellati)	61 181	68 986	74 985	58 304
Indiċi	*100*	*113*	*123*	*95*
Stokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni	5,20 %	5,92 %	6,77 %	6,06 %
Indiċi	*100*	*114*	*130*	*117*

Sors: Produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(148) Il-bejgħ tal-prodott simili jippreżenta xi effetti staġjonali komuni fis-settur tal-kostruzzjoni, l-utent ewlieni tiegħu. Il-bejgħ matul ix-xahar ta' Diċembru huwa ġeneralment relattivament baxx u l-produtturi ta' spiss jipprijoritizzaw it-twettiq ta' manutenzjoni matul dan ix-xahar. Bħala riżultat tal-effett staġjonali fix-xahar ta' Diċembru, it-tqabbil tal-livell tal-istokks fi tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni f'Settembru 2023 mal-istokks tal-għeluq f'Diċembru tat-tliet snin preċedenti mhuwiex pertinenti. L-evoluzzjoni tal-istokkijiet tal-għeluq fi tmiem is-sena mill-2020 sal-2022 żdiedet bi 30 % f'sentejn.

4.5.3.4. Profittabbiltà, fluss tal-flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital

(149) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 10

Profittabbiltà, fluss tal-flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti

	2020	2021	2022	PI
Il-profittabilità tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	3,5	17,7	13,1	– 2,6
Indiċi	*100*	*506*	*374*	*– 74*
Fluss tal-flus (EUR)	63 543 946	267 522 792	241 989 149	– 13 993 872
Indiċi	*100*	*421*	*381*	*– 22*
Investimenti (EUR)	64 616 015	61 243 727	82 005 921	141 483 932
Indiċi	*100*	*95*	*127*	*219*
Redditu fuq l-investimenti (%)	10	120	93	– 26
Indiċi	*100*	*1 193*	*927*	*– 258*

Sors: Produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(150) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Il-profittabbiltà matul l-ewwel sentejn tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni hija influwenzata miċ-ċirkostanzi ekonomiċi maħluqa mill-emerġenza tal-pandemija tal-COVID-19 fil-bidu tal-2020 u rkupru sussegwenti mhux ordinarju wara d-distribuzzjoni tal-vaċċini fl-Unjoni kif ukoll l-istimolu fiskali. Il-Kummissjoni tqis li l-livelli ta' profittabbiltà miksuba sal-2020 u l-2021 huma affettwati minn dan il-kuntest ekonomiku ġenerali. Il-profittabbiltà miksuba fl-2022 kienet affettwata wkoll minn kriżi tal-enerġija li feġġet wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Madankollu, fl-2022 il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun irnexxielhom jgħaddu ż-żieda fil-kostijiet lill-utenti fl-Unjoni, peress li l-prezz tal-bejgħ medju osservat tal-industrija tal-UE żdied b'EUR 390/tunnellata, ammont saħansitra ogħla miż-żieda fil-kostijiet ta' EUR 387/tunnellata. Konsegwentement, il-profitt fl-2021 u fl-2022 f'EUR/tunnellata kien relattivament stabbli (209 u EUR 212 għal kull tunnellata rispettivament). Il-produtturi fil-kampjun esperjenzaw xejra 'l isfel matul l-2022 u bdew jagħmlu t-telf (– 2,6 %) fil-perjodu ta' investigazzjoni. Kif indikat fil-premessa (142), l-impatt taż-żieda fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fisser li l-produtturi tal-Unjoni tilfu s-setgħa fuq l-ipprezzar tal-prodott li kien influwenzat mid-disponibbiltà tal-S-PVC mill-pajjiżi kkonċernati bi prezzijiet baxxi ħafna, li wassal għal sitwazzjoni ta' soppressjoni tal-prezzijiet matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(151) Il-fluss tal-flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess. Ix-xejra fil-fluss nett ta' flus turi xejra 'l isfel mill-2021 u punt ta' waqfien sinifikanti matul il-perjodu ta' investigazzjoni, meta l-fluss ta' flus kien negattiv għall-ewwel darba matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-produtturi fil-kampjun dewmu xi investimenti jew ippostponew xi manutenzjoni mhux essenzjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni, iżda dawn il-miżuri ma kinux biżżejjed biex jiġi evitat fluss ta' flus negattiv.

(152) L-investimenti kienu relattivament stabbli matul l-2020 u l-2021 u esperjenzaw xejra 'l fuq fl-2022. Hemm raġunijiet differenti għaliex l-investimenti żdiedu mill-2022. L-investimenti mill-2022 ma ġewx ikkawżati minn xi espansjoni tal-kapaċità iżda pjuttost mill-ħtieġa li titnaqqas l-impronta tal-karbonju u li jkun hemm konformità ma' regolamenti ambjentali u ta' sikurezza oħra, kif ukoll effett ta' rkupru peress li l-produtturi fil-kampjun esperjenzaw ostakli biex jimplimentaw l-investimenti ppjanati fl-2020 minħabba l-pandemija u fl-2021 minħabba d-domanda li segwiet l-irkupru ekonomiku b'saħħtu li estenda l-operazzjonijiet. It-tliet produtturi fil-kampjun joperaw minn siti antiki li kienu mfassla fi żmien ta' regolamenti aktar laxki u li jeħtieġu investimenti sinifikanti biex ilaħħqu ma' regolamenti ambjentali u ta' sikurezza ġodda. Barra minn hekk, l-investimenti f'impjanti kimiċi operazzjonali jeħtieġu ppjanar fit-tul sal-punt li l-investimenti osservati mill-2022 kienu fil-biċċa l-kbira investimenti ppjanati qabel l-2020. Fl-aħħar nett, il-livell ta' investiment ma jistax jiġi aġġustat għal-livelli ta' produzzjoni attwali minflok għal dawk teoretiċi. Il-produtturi fil-kampjun għandhom influwenza limitata biex jallinjaw l-investimenti mar-rati attwali tal-użu tal-kapaċità.

(153) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Dan żviluppa b'mod negattiv mill-2021 u juri redditu sinifikanti ta' -26 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Il-produtturi fil-kampjun, bħal kwalunkwe produttur tal-prodott simili, jeħtieġu investimenti kbar biex joperaw. Il-produtturi fil-kampjun għandhom siti antiki u l-impjanti inizjali ġew deprezzati kompletament iżda b'mod regolari jżidu assi ġodda minħabba l-kostijiet tal-manutenzjoni u tal-fatturat flimkien ma' investimenti purament ġodda. Il-produtturi fil-kampjun għandhom flessibbiltà limitata biex joperaw b'livell aktar baxx ta' assi.

(154) Il-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun li jiġġeneraw kapital fil-kuntest ekonomiku attwali hija dubjuża minħabba l-profittabbiltà baxxa u l-inċertezza regolatorja. Madankollu, din il-kapaċità fi kwalunkwe każ tkun ipotetika peress li l-produtturi fil-kampjun huma parti minn gruppi akbar u jiddependu aktar fuq sorsi interni aktar milli fuq dawk esterni. Għalhekk, il-Kummissjoni eżaminat il-possibbiltà li tattira riżorsi mill-gruppi tagħhom. Il-produtturi kollha tal-Unjoni fil-kampjun ikkonfermaw diffikultajiet simili biex jibbenefikaw mir-riallokazzjoni tar-riżorsi fil-livell ta' grupp. It-tliet produtturi spjegaw l-impatti differenti ta' din ix-xejra li tipprijoritizza l-investimenti f'reġjuni oħra tad-dinja, filwaqt li ma indirizzatx l-ostakli fil-proċess tal-produzzjoni, it-tnaqqis baġitarju straordinarju attwali, u oħrajn. Il-Kummissjoni tqis li din is-sitwazzjoni tista' tkun assoċjata wkoll ma' fatturi oħra, iżda nnotat li l-allegati importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati kkontribwew għal dan l-ambjent negattiv ta' investiment u żiedu inċertezza dwar il-prospetti futuri tal-industrija.

4.5.4. *Konklużjoni dwar id-dannu*

(155) Il-makroindikaturi ewlenin urew xejra negattiva matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni: Il-volum tal-produzzjoni tal-Unjoni naqas bi 22 %, l-użu tal-kapaċità b' 24 %, il-volum tal-bejgħ tal-Unjoni bi 28 % u l-produttività b' 20 %.

(156) Tista' titfassal immaġni simili fir-rigward tal-mikroindikaturi. Il-profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni kienet pożittiva mill-2020 sal-2022 iżda l-industrija bdiet tagħmel it-telf fil-perjodu ta' investigazzjoni. Bl-istess mod, il-fluss tal-flus li kien pożittiv mill-2020 sal-2022, sar negattiv fil-perjodu ta' investigazzjoni. L-istokks tal-għeluq fi tmiem is-sena bħala perċentwal tal-produzzjoni żdiedu mill-2020 sal-2022, meta l-impatt minn importazzjonijiet għoljin mill-pajjiżi kkonċernati kien diġà evidenti.

(157) Il-volumi tal-importazzjoni tal-esportaturi tal-Eġittu u tal-Istati Uniti mmultiplikaw bi tmien darbiet matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. F'kuntest ta' tnaqqis fil-konsum annwali ta' 729 110 tunnellata fil-perjodu kkunsidrat, l-importazzjonijiet annwali mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu b' 288 405 tunnellata, li wassal biex l-esportaturi Eġizzjani u tal-Istati Uniti żiedu s-sehem mis-suq ikkombinat tagħhom minn 1 % fl-2020 għal 10 % fil-perjodu ta' investigazzjoni peress li l-prezzijiet tagħhom waqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni mill-2022 u speċjalment matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-marġni tat-twaqqigħ tal-prezz kien bħala medja ta' 31,7 % għall-importazzjonijiet mill-Istati Uniti u ta' 28,9 % għall-importazzjonijiet mill-Eġittu, kif stabbilit hawn fuq fit-taqsima 4.4.3)

(158) L-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping Eġizzjani u tal-Istati Uniti bi prezz baxx ikkawżaw ukoll soppressjoni sinifikanti tal-prezzijiet għall-industrija tal-Unjoni. B'riżultat ta' dan, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tbigħ bi prezzijiet li jkopru l-kost tal-produzzjoni tagħha u bdiet tagħmel it-telf fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(159) Filwaqt li l-investimenti netti żdiedu b' 119 %, ir-redditu fuq l-investiment sar negattiv matul il-perjodu kkunsidrat, minn 10,1 % fl-2020 għal −26,1 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Il-fluss tal-flus sar negattiv ukoll, li affettwa l-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tiffinanzja waħedha l-operazzjonijiet tagħha. Għalkemm l-għadd ta' impjegati naqas matul l-istess perjodu bi 3 %, il-produttività naqset b' 20 %, u dan irriżulta f'kost tax-xogħol ogħla għal kull tunnellata ta' PVC.

(160) Kif stabbilit hawn fuq, l-indikaturi ekonomiċi bħall-profittabbiltà, il-fluss tal-flus u r-redditu fuq l-investiment iddeterjoraw b'mod sinifikanti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Dan affettwa b'mod negattiv il-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tiffinanzja lilha nnifisha, li tagħmel l-investimenti meħtieġa u li żżid il-kapital, u b'hekk jimpedixxi t-tkabbir tagħha u saħansitra jhedded is-sopravivenza tagħha.

(161) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet f'dan l-istadju li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

5. KAWŻALITÀ

(162) F'konformità mal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati kkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufin oħra setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurat li kwalunkwe dannu possibbli kkawżat minn fatturi oħra barra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati ma kienx attribwit għal importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Dawn il-fatturi huma: il-kontrazzjoni ekonomika u d-dinamika dgħajfa tas-suq, l-impatt ta' avvenimenti ta' forza maġġuri u bejgħ b'esportazzjoni mhux profittabbli.

5.1. **Effetti tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping**

(163) Il-kwantitajiet tal-importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni żdiedu bi tmien darbiet, minn 40 989 tunnellata fl-2020 għal 329 904 tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni. Din iż-żieda qawwija, kif spjegat fil-premessa (157), ikkoinċidiet ma' suq domestiku relattivament dgħajjef li kellu diffikultajiet biex jassorbi l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

(164) B'riżultat ta' dan, fil-perjodu kkunsidrat, is-sehem mis-suq ikkombinat tal-pajjiżi kkonċernati żdied minn 1 % għal 10 %. Sadanittant, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas kontinwament minn 91 % għall-2020 għal 80 % għall-perjodu ta' investigazzjoni.

(165) Filwaqt li l-2020 kienet affettwata mill-pandemija tal-COVID-19 u l-2021 kienet influwenzata minn irkupru ekonomiku qawwi, l-effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping saru aktar notevoli mill-2022 meta l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu b' 161 % u s-sehem mis-suq tagħhom b' 220 % meta mqabbel mal-2021.

(166) Fl-2022, is-sena meta l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu, dawn kienu prezzijiet ferm taħt il-prezz medju tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(167) Iż-żieda fil-kwantità ta' importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati flimkien mal-prezzijiet medji baxxi tal-bejgħ tagħhom kellhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni.

(168) L-impatt taż-żieda fil-kwantitajiet ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati kien kompletament viżibbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni meta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni marret għall-aġħar b'mod sinifikanti. L-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha sabiex tgħaddi lill-klijenti l-kost dejjem jikber tal-materja prima (b'mod partikolari l-kostijiet tal-enerġija) minħabba li ffaċċjat kompetizzjoni inġusta mill-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat. L-istrateġija tal-industrija tal-Unjoni kienet li ttaffi t-telf fil-volumi tal-produzzjoni u s-sehem mis-suq billi tnaqqas il-prezzijiet b'detriment għall-profittabilità tagħha. Tabilħaqq, milli kienet profittabbli fis-snin preċedenti, l-industrija tal-Unjoni bdiet tagħmel telf (– 3 %) fil-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, l-importazzjonijiet bi prezz baxx mill-pajjiżi kkonċernati impedixxew iż-żidiet fil-prezzijiet min-naħa tal-industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament bażiku u għalhekk ikkawżaw soppressjoni tal-prezzijiet.

(169) Barra minn hekk, il-fluss tal-flus u r-redditu fuq l-investiment saru negattivi wkoll. Fil-perjodu ta' investigazzjoni, il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kellhom fluss tal-flus negattiv ta' EUR 14 miljun u redditu fuq l-investiment ta' – 26,1 %.

(170) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet b'mod proviżorju li d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati skont it-tifsira tal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku. Tali dannu kellu effetti kemm fuq il-volum kif ukoll fuq il-prezz.

5.2. **Effetti ta' fatturi oħrajn**

5.2.1. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(171) Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra żviluppa kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 11

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2020	2021	2022	PI
Il-Messiku	Volum (tunnellati)	142 867	161 713	160 261	129 496
	Indiċi	*100*	*113*	*112*	*91*
	Sehem mis-suq	4 %	4 %	4 %	4 %
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	703	1 214	1 538	954
	Indiċi	*100*	*173*	*219*	*136*
In-Norveġja	Volum (tunnellati)	67 067	92 360	54 769	46 300

	Indiċi	*100*	*138*	*82*	*69*
	Sehem mis-suq	2 %	2 %	2 %	1 %
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	839	1 313	1 719	1 356
	Indiċi	*100*	*156*	*205*	*162*
Il-Korea t'Isfel	Volum (tunnellati)	2 335	11 792	23 891	50 703
	Indiċi	*100*	*505*	*1 023*	*2 171*
	Sehem mis-suq	0 %	0 %	1 %	2 %
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	1 278	1 534	1 686	969
	Indiċi	*100*	*120*	*132*	*76*
Ir-Renju Unit	Volum (tunnellati)	47 801	17 212	14 314	16 309
	Indiċi	*100*	*36*	*30*	*34*
	Sehem mis-suq	1 %	0 %	0 %	1 %
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	836	1 088	1 449	1 224
	Indiċi	*100*	*130*	*173*	*146*
Pajjiżi terzi oħrajn	Volum (tunnellati)	57 711	122 261	90 254	79 397
	Indiċi	*100*	*212*	*156*	*138*
	Sehem mis-suq	1 %	3 %	2 %	2 %
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	721	1 493	1 452	959
	Indiċi	*100*	*207*	*201*	*133*
Total tal-pajjiżi terzi kollha ħlief il-pajjiżi kkonċernati	Volum (tunnellati)	317 781	405 338	343 489	322 205
	Indiċi	*100*	*128*	*108*	*101*
	Sehem mis-suq	8 %	9 %	9 %	10 %
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	759	1 324	1 551	1 029
	Indiċi	*100*	*174*	*204*	*136*

Sors: Eurostat.

(172) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-uniċi pajjiżi terzi oħra li minnhom ġew importati volumi sinifikanti ta' PVC fl-Unjoni kienu l-Messiku, in-Norveġja, il-Korea t'Isfel u r-Renju Unit.

(173) B'mod ġenerali, il-pajjiżi terzi kollha ħlief il-pajjiżi kkonċernati ppreżentaw volum stabbli fil-perjodu ta' investigazzjoni b'sehem mis-suq li baqa' bejn 8 % u 10 % matul il-perjodu kkunsidrat. Barra minn hekk, il-prezzijiet tagħhom huma wkoll aktar allinjati mal-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun bi prezz medju tal-importazzjoni għall-2022 ta' EUR 1 551/tunnellata li huwa prattikament identiku għal dak tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun ta' EUR 1 566/tunnellata. Fil-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezz medju tal-importazzjoni ta' EUR 1 029/tunnellata huwa aktar baxx mill-prezz għal kull tunnellata għall-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, EUR 1 134. Madankollu, il-volumi importati fl-Unjoni naqsu b' 6 % fil-perjodu ta' investigazzjoni, li jissuġġerixxi li l-importaturi kienu qed jippruvaw jippreservaw is-sehem mis-suq f'suq li qed jiċkien aktar milli jespanduh.

(174) Il-Kummissjoni tinnota li ma kien hemm l-ebda żieda fl-importazzjonijiet u li s-sehem mis-suq ta' pajjiżi terzi għajr il-pajjiżi kkonċernati baqa' relattivament stabbli. Il-bidliet ewlenin osservati kienu bidla tal-oriġini ta' dawn l-importazzjonijiet l-oħra, b'xi pajjiżi jnaqqsu l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-Unjoni minħabba raġunijiet strutturali jew strateġiċi bħan-Norveġja, ir-Russja u r-Renju Unit, filwaqt li oħrajn bħall-Korea t'Isfel jokkupaw l-ispazju li jifdal.

(175) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u fid-dawl tal-volumi kbar ta' importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi mill-pajjiżi kkonċernati meta mqabbla ma' dawk minn pajjiżi terzi oħra, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod proviżorju li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra ma naqqsux ir-rabta kawżali bejn id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati.

5.2.2. *Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

(176) Il-volum tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni żviluppa kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 12

Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni

	2020	2021	2022	PI
Volum tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni (tunnellati)	1 494 677	1 227 548	1 120 519	1 101 408
Indiċi	*100*	*82*	*75*	*74*
Prezz medju tal-produtturi tal-Unjoni (EUR/tunnellata)	822	1 414	1 509	1 075
Indiċi	*100*	*172*	*184*	*131*

Sors: Eurostat.

(177) L-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni fl-2020 kienu fl-ogħla livell tal-perjodu kkunsidrat b' 1 494 288 tunnellata u naqsu bi 18 % fl-2021. Fl-2022 l-esportazzjonijiet komplew jonqsu iżda b'rata aktar baxxa u mbagħad baqgħu relattivament stabbli fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(178) Il-prezz medju tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni kien ukoll volatili ħafna b'żieda qawwija fl-2021, żieda limitata fl-2022 u fl-aħħar nett tnaqqis f'daqqa fil-prezz tal-esportazzjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni. B'riżultat ta' dan, fil-perjodu ta' investigazzjoni, l-industrija tal-Unjoni kienet qed tesporta bi prezzijiet li l-Kummissjoni qieset li kienu taħt il-kost stmat tal-produzzjoni.

(179) Wara l-affermazzjonijiet magħmula minn Westlake, Oxy Vinyls, LP u TCI Sanmar, il-Kummissjoni eżaminat il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun billi qabblet id-diskrepanza fil-prezzijiet bejn il-prezz tal-esportazzjoni u l-prezz domestiku tagħhom (it-tnejn ma' klijenti mhux relatati).

(180) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni l-industrija tal-Unjoni kellha kapaċità żejda u esportat l-S-PVC iżda ma kien hemm l-ebda direzzjoni mill-ġdid tal-bejgħ mill-Unjoni lejn is-swieq ta' esportazzjoni. F'dan ir-rigward, matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezz medju tal-esportazzjoni tal-produtturi fil-kampjun kien kemxejn ogħla mill-prezz medju tal-esportazzjoni tal-pajjiżi kkonċernati lejn l-Unjoni, indikazzjoni ta' xi grad ta' kompetittività. Barra minn hekk, il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kienu qed jesportaw bi prezzijiet taħt il-kost sħiħ tal-manifattura (minħabba l-ispejjeż ġenerali) iżda ogħla mill-kost varjabbli (prinċipalment l-enerġija u l-materja prima). Għalhekk, iż-żamma tal-esportazzjonijiet matul il-perjodu ta' investigazzjoni kkontribwiet għall-marġni ġenerali u għenet lill-produtturi tal-Unjoni biex iżommu s-sikurezza u t-tħaddim bla xkiel tal-linji billi pproduċew aktar mil-livell minimu tekniku.

(181) Il-Kummissjoni nnotat li l-produtturi mill-pajjiżi kkonċernati normalment jagħmlu użu min-negozjanti biex ibigħu l-prodott tagħhom fi swieq barranin. L-istess negozjanti li jbigħu l-S-PVC li huwa l-oġġett ta' dumping fl-Unjoni huma attivi fl-akbar swieq tal-esportazzjoni tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, in-negozjanti li qed ibigħu l-PVC li huwa l-oġġett ta' dumping fl-Unjoni huma operattivi wkoll fis-swieq tal-esportazzjoni tradizzjonali tal-Unjoni li jispjega wkoll l-isfidi ffaċċjati mill-industrija tal-Unjoni mill-2022 biex jinżammu s-swieq tal-esportazzjoni.

(182) L-esportazzjonijiet tal-Unjoni lejn ir-Renju Unit naqsu b' 106 528 tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni (mill-2022), jiġifieri tnaqqis ta' 37 %. It-tqabbil tal-perjodu ta' investigazzjoni mal-perjodu ta' 12-il xahar preċedenti juri tnaqqis ta' 120 668 tunnellata, jew 40 %. Ir-Renju Unit ħabbar il-ftuħ ta' investigazzjoni anti-dumping dwar l-S-PVC li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerka fit-8 ta' Jannar 2024 li hija indikazzjoni qawwija ta' prattiki kummerċjali inġusti fit-tieni l-akbar suq tal-esportazzjonijiet tal-Unjoni. L-esportazzjonijiet lejn l-Iżvizzera naqsu b' 10 027 tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni (mill-2022), jiġifieri tnaqqis ta' 22 % (it-tqabbil tal-perjodu ta' investigazzjoni mal-perjodu ta' 12-il xahar preċedenti juri tnaqqis ta' 17 460 tunnellata jew 33 %). Il-Kummissjoni sabet ukoll li n-negozjanti esportaw l-S-PVC prodott mill-Istati Uniti lejn l-Iżvizzera bi prezzijiet orħos mill-valur normali tiegħu.

(183) Minkejja l-impatt tal-kompetizzjoni fl-istess swieq ma' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, il-Kummissjoni ma tqisx li l-prestazzjoni fis-swieq tal-esportazzjoni kellha impatt iżolat *per se* li kapaċi jnaqqas ir-rabta kawżali bejn il-prattiki ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni sabet li l-esportazzjonijiet bħala perċentwal tal-bejgħ domestiku kienu simili fl-2020 u fil-perjodu ta' investigazzjoni għal madwar 42–43 %. Barra minn hekk, l-esportazzjonijiet bħala perċentwal tal-produzzjoni tal-Unjoni kienu wkoll simili ħafna fl-2020 u fil-perjodu ta' investigazzjoni għal madwar 30 %.

(184) Il-Kummissjoni tikkonkludi li t-tnaqqis fl-esportazzjonijiet kellu effett fuq il-prestazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni li, madankollu, ma jistax jiġi iżolat mill-ipprezzar aggressiv lil pajjiżi terzi stabbilit minn negozjanti li jaħdmu mal-produtturi mill-pajjiżi kkonċernati. Il-produtturi tal-Unjoni naqqsu l-esportazzjonijiet tagħhom fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni, għalkemm it-tnaqqis ewlieni seħħ fl-2021, ferm qabel il-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni ma tistax tiġi spjegata biss bil-volumi, iżda pjuttost bil-prezzijiet. Din il-pressjoni fuq il-prezzijiet tal-esportazzjoni ma tistax tiġi iżolata mill-esportazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping li joriġinaw mill-Eġittu u mill-Istati Uniti tal-Amerka li kienu qed jikkompetu wkoll f'dawk is-swieq.

5.2.3. *Kapaċità żejda fl-industrija tal-PVC*

(185) Il-PVC huwa industrija ċiklika kif rikonoxxut mill-ilmentaturi, mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u mill-esportaturi tal-Eġittu u tal-Istati Uniti fis-sottomissjonijiet u l-kummenti tagħhom. L-industrija globali tal-PVC għandha kapaċità żejda sinifikanti peress li l-kapaċità tagħha qabżet b'mod sistematiku d-domanda globali matul l-aħħar snin abbażi tal-istimi pprovduti mill-ilmentaturi u l-informazzjoni dwar is-suq.

(186) Din il-kapaċità żejda hija strutturali u spjegata mid-diffikultajiet ta' żieda fil-kapaċità biex tlaħħaq ma' domandi akbar. Għalhekk, l-industrija hija lesta li tassorbi l-ogħla livelli tad-domanda matul iċ-ċiklu ekonomiku b'perspettiva fit-tul.

(187) L-industrija tal-Unjoni tal-PVC ma żiditx il-kapaċità tagħha matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, ħlief għal espansjoni limitata minn produttur wieħed tal-Unjoni li attiva linja waħda ta' produzzjoni li kienet ġiet ittrasferita minn sit bi tliet linji li kienet għalqet qabel il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-Kummissjoni kkonkludiet li din iż-żieda apparenti fil-kapaċità hija għalhekk spjegata minn impatt taż-żmien, peress li l-għeluq ġie eżegwit qabel il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-Kummissjoni kkonkludiet li dan il-produttur tal-Unjoni kien wera r-raġunament ta' tali deċiżjoni li kellha l-għan li tiżgura effiċjenza akbar billi tnaqqas l-għadd ta' siti ta' produzzjoni, taġġusta 'l isfel il-kapaċità ġenerali tagħha u tottimizza l-operazzjonijiet tagħha.

(188) Ir-rata tal-użu tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni fl-2020 u l-2021 kienet ogħla minn 90 %, u kien biss meta l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping żdiedu li r-rata tal-użu tal-kapaċità naqset għal 74 % fl-2022 u 69 % fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(189) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kapaċità żejda strutturali possibbli tal-industrija tal-PVC, globalment u fl-Unjoni, jista' jkollha influwenza fid-dinamika tas-suq u tista' tissottolinja r-raġunament tal-esportazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, iżda ma tqisx li dan huwa fattur li jikser jew itaffi r-rabta kawżali. Dan għaliex, matul il-perjodu kkonċernat, il-produtturi tal-Unjoni ma żidux il-kapaċità fi kwalunkwe punt sinifikanti. Ċertament, il-kapaċità żejda tidher li hija n-norma fl-industrija tal-kimika u l-industrija tal-PVC tal-Unjoni ma tvarjax mid-dinamika eżistenti fi swieq oħra, inklużi dawk tal-pajjiżi kkonċernati. Barra minn hekk, il-livell relattivament għoli ta' kapaċità żejda tal-industrija tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni kien ir-riżultat dirett taż-żieda fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u tal-kontrazzjoni ekonomika temporanja li huwa meqjus separatament.

(190) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li l-livell relattivament għoli attwali ta' kapaċità żejda tal-industrija tal-Unjoni kien ir-riżultat taċ-ċirkostanzi reċenti tas-suq u l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u għalhekk ma kienx, fih innifsu, element li seta' jnaqqas ir-rabta kawżali. Iċ-ċirkostanzi reċenti tas-suq ġew eżaminati separatament.

5.2.4. *Il-kriżi tal-enerġija fl-Unjoni*

(191) Għadd ta' partijiet interessati allegaw li l-industrija tal-Unjoni sofriet minħabba l-prezzijiet għoljin tal-enerġija li naqqsu l-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni. Skont dawn il-kummenti, deher li kien hemm korrelazzjoni bejn il-kostijiet tal-materja prima u l-prezzijiet tal-enerġija fl-Ewropa u l-prestazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni, u ddikjaraw li pajjiżi oħra evitawhom kif kien spjegat minn kunflitti qrib ħafna tal-Unjoni.

(192) L-ilmentaturi rrikonoxxew li bejn il-perjodu li beda f'nofs l-2021 u li ntemm tard fl-2022, l-Ewropa esperjenzat kriżi tal-enerġija akuta, iżda tennew li din il-kriżi ma tnaqqasx jew tkisser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping li joriġinaw mill-Eġittu u mill-Istati Uniti tal-Amerka u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. L-ilmentaturi ddikjaraw li l-kriżi tal-enerġija ntemmet tard fl-2022 u li l-fatt li minkejja t-tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet tal-enerġija, l-istat tal-industrija tal-Unjoni ma tjibx minn dak iż-żmien, huwa indikazzjoni qawwija li l-kriżi tal-enerġija ma kellhiex effett kbir fuq id-dannu.

(193) Il-Kummissjoni nnotat li meta l-prezzijiet tal-enerġija kienu fl-ogħla livelli fl-2021 u fl-2022, il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kienu qed jiksbu l-akbar profitti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Barra minn hekk, id-dannu tal-industrija tal-Unjoni sar viżibbli meta l-kriżi tal-enerġija kienet diġà naqset, u l-prezzijiet tal-enerġija kienu naqsu. Fil-fatt, qabel ma l-importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu fil-perjodu ta' investigazzjoni (billi mmultiplikaw bi tliet kwantitajiet tat-tnax-il xahar preċedenti), l-industrija kienet għadha kapaċi tgħaddi ż-żieda fil-kostijiet tal-enerġija fil-prezzijiet tagħha. Dan ma kienx għadu possibbli meta ż-żieda fl-importazzjonijiet bi prezz baxx ikkawżat li sseħħ is-soppressjoni tal-prezzijiet.

(194) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kriżi tal-enerġija esperjenzata fl-Unjoni ma spjegatx l-evoluzzjoni osservata fil-perjodu ta' investigazzjoni u għalhekk la tkisser u lanqas tnaqqas ir-rabta kawżali.

5.2.5. *Kontrazzjoni ekonomika, dinamika tas-suq*

(195) Id-domanda fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat laħqet l-ogħla livell tagħha fl-2021 u ġarrbet korrezzjoni immedjatament wara bi tnaqqis fid-domanda ta' 18 % fl-2022. Meta mqabbla mal-2020, id-domanda fl-2022 kienet 8 % inqas.

(196) Id-domanda kompliet tonqos matul il-perjodu ta' investigazzjoni, meta d-domanda stmata laħqet 3 223 316 tunnellata, jew 18 % inqas mid-domanda fl-2020.

(197) Ir-raġuni ewlenija għad-domanda dgħajfa tal-PVC fl-Unjoni la kienet il-prezz tiegħu u lanqas l-eżistenza ta' prodotti alternattivi. Minflok, id-domanda relattivament baxxa hija spjegata mill-kombinazzjoni ta' inflazzjoni għolja u kostijiet tat-teħid b'self li kellhom impatt fuq l-ekonomija b'mod ġenerali u rrestriġu d-domanda tas-settur tal-kostruzzjoni, jiġifieri s-suq ewlieni tal-PVC. Dan ġie rrikonoxxut mill-ilmentaturi iżda wkoll mill-esportaturi mill-pajjiżi kkonċernati.

(198) L-impatt ta' inflazzjoni u rati tal-imgħax ogħla ġie trażmess upstream lill-industrija tal-PVC b'xi dewmien minħabba ż-żminijiet twal ta' tħejjija tradizzjonalment assoċjati mas-settur tal-kostruzzjoni. Dan kien ifisser li kien hemm xi żmien qabel ma l-effetti tal-kostijiet tat-teħid b'self ogħla u tal-kostijiet tal-kostruzzjoni ġew riflessi fil-volumi tal-output tal-kostruzzjoni, saħansitra aktar fil-produzzjoni tal-materjal tal-bini bħall-manifattura tal-pajpijiet, tal-bibien u tat-twieqi magħmula mill-PVC. Iċ-ċikliċità tas-settur tal-kostruzzjoni hija magħrufa sew, u d-domanda baxxa attwali x'aktarx li ma tkomplix ladarba l-inflazzjoni u r-rati tal-imgħax jonqsu u d-domanda għall-prodotti ta' investiment tiżdied.

(199) Westlake sostniet li din id-domanda baxxa rriflettiet bidla fil-konsum. Il-Kummissjoni qieset li din hija sempliċi spekulazzjoni, peress li ma hemm l-ebda evidenza li d-domanda baxxa rriżultat minn bidla fil-konsum u li mhijiex impatt temporanju tar-rati tal-imgħax għoljin u l-inflazzjoni. Għall-kuntrarju, il-politiki relatati mal-Patt Ekoloġiku Ewropew biex jappoġġjaw ir-rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini eżistenti bħad-direttivi rieżaminati dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija u l-Effiċjenza Enerġetika, għandhom iżidu d-domanda għal twieqi u bibien magħmula mill-PVC peress li l-PVC huwa iżolatur naturali.

(200) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kontrazzjoni ekonomika u d-domanda baxxa assoċjata tas-suq esperjenzata fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni kellhom impatt limitat li ma jiksirx jew ma jnaqqasx ir-rabta kawżali.

5.2.6. *Forza maġġuri*

(201) Il-Kummissjoni kienet irċeviet kummenti minn ċerti partijiet interessati dwar l-effett ta' avvenimenti ta' forza maġġuri fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(202) Il-Kummissjoni staqsiet dwar l-avvenimenti kollha ta' forza maġġuri ddikjarati matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u eżaminat ir-responsabbiltà u l-azzjonijiet meħuda mill-produtturi.

(203) Il-Kummissjoni sabet li l-biċċa l-kbira tal-avvenimenti ta' forza maġġuri seħħew kmieni fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni, jiġifieri l-2020 u l-2021, u għalhekk, ma tistax tispjega d-dannu muri fil-perjodu ta' investigazzjoni wara ż-żieda fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mit-tieni nofs tal-2022. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ma sabitx argumenti biex issostni li mingħajr l-għadd relattivament għoli ta' avvenimenti ta' forza maġġuri fl-2020 u l-2021, l-industrija kienet tkun f'pożizzjoni aħjar matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Kien biss meta l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati waqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-Unjoni minn nofs l-2022 li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet id-dannu.

(204) Il-Kummissjoni sabet ukoll evidenza li d-dikjarazzjoni ta' avvenimenti ta' forza maġġuri ma kinitx ikkoordinata b'mod sistematiku, kif allegat mill-partijiet interessati. Pereżempju, il-produttur tal-Unjoni tal-ewwel sena fil-kampjun iddikjara forza maġġuri, il-produttur tal-Unjoni relatat tiegħu żied il-produzzjoni tiegħu għal livell ogħla mill-kapaċità teoretika tiegħu. Din l-istanza tikkontradixxi l-allegazzjoni li d-dikjarazzjoni ppruvat tevita li taqdi xi klijenti.

(205) Il-Kummissjoni sabet ukoll li matul is-sena li fiha Rehau kien affettwat minn avveniment ta' force majeure minn wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, il-produttur xorta waħda rnexxielu jaqdi lil Rehau aktar minn 100 % tal-ammont ikkuntrattat, minkejja li ma rnexxilux jaqdi l-kwantitajiet addizzjonali kollha mitluba. Anke jekk din hija evidenza aneddotali, il-Kummissjoni ttenni li ma sabet l-ebda evidenza li l-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun deliberatament użaw avvenimenti ta' forza maġġuri biex jevitaw li jaqdu l-ammonti impenjati jew biex jirrestriġu l-produzzjoni sabiex ifittxu li jgħollu l-prezzijiet domestiċi.

(206) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-dikjarazzjoni ta' avvenimenti ta' forza maġġuri ma kellhiex impatt fuq id-dannu.

5.3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(207) Ġiet stabbilita rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Eġittu u mill-Istati Uniti tal-Amerka minn naħa u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni min-naħa l-oħra. Kien hemm koinċidenza fiż-żmien bejn iż-żieda qawwija fil-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping bi prezzijiet aktar baxxi u d-deterjorament tal-prestazzjoni tal-Unjoni. F'suq relattivament dgħajjef, iż-żieda fil-volum ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping naqqset il-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tistabbilixxi prezzijiet li jirkupraw l-kostijiet tal-produzzjoni tagħha, u b'ħekk tindika b'mod ċar l-eżistenza ta' soppressjoni tal-prezzijiet. Dan irriżulta f'sitwazzjoni ta' telf matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(208) Il-Kummissjoni eżaminat fatturi oħra possibbli li setgħu kellhom impatt fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni: il-prestazzjoni tal-esportazzjoni, l-allegata kapaċità żejda tal-industrija tal-Unjoni, il-kriżi tal-enerġija fl-Unjoni, id-dikjarazzjoni ta' avvenimenti ta' force majeure, ir-reċessjoni ekonomika fl-Unjoni u s-suq relattivament dgħajjef. Il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti ta' dawn il-fatturi fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

(209) Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni ma tistax tispjega d-dannu osservat imġarrab mill-industrija tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni. L-ewwel nett, f'volumi, l-esportazzjonijiet tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni kienu ekwivalenti għal 29 % tal-produzzjoni tal-Unjoni, virtwalment l-istess perċentwal, 30 %, osservat fl-2020. It-tieni, it-tnaqqis ewlieni fl-esportazzjonijiet ġie osservat fl-2021, meta l-kwantitajiet tal-esportazzjoni naqsu bi 18 %, u l-2022 meta l-kwantitajiet tal-esportazzjoni komplew jonqsu b' 9 %. Madankollu, il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni kienet fl-ogħla livell fl-2021 u fl-2022.

(210) L-effett tal-kapaċità żejda tal-industrija tal-PVC fl-Unjoni nstab li ma kkawżax dannu matul il-perjodu ta' investigazzjoni peress li l-kapaċità baqgħet stabbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Bl-istess mod, l-effett tal-kriżi tal-enerġija u l-prezzijiet ogħla tal-enerġija assoċjati ma nstabux li kkawżaw id-dannu osservat fil-perjodu ta' investigazzjoni peress li f'dak iż-żmien il-kriżi tal-enerġija kienet naqqset.

(211) L-affermazzjoni magħmula mill-partijiet interessati li d-dannu kien ikkawżat ukoll mid-dikjarazzjoni ta' avvenimenti ta' forza maġġuri mill-industrija tal-Unjoni ma kinitx appoġġjata mill-fatti misjuba mill-Kummissjoni.

(212) Fl-aħħar nett, il-kontrazzjoni ekonomika u d-domanda dgħajfa tas-suq li rriżultat affettwaw lill-industrija tal-Unjoni b'mod limitat iżda mingħajr ma kissru r-rabta kawżali. Għall-kuntrarju, id-domanda dgħajfa tas-suq aggravat id-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping peress li l-industrija tal-Unjoni ma kellhiex marġni biex tassorbi volumi akbar ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mingħajr ma tnaqqas il-prezzijiet biex tippreserva xi sehem mis-suq.

(213) Fil-qosor, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kontrazzjoni ekonomika u d-domanda dgħajfa li tirriżulta matul il-perjodu ta' investigazzjoni biss kellhom impatt limitat fuq l-industrija tal-Unjoni. Madankollu, dan il-fattur ma setax ikisser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u d-dannu materjali misjub lill-industrija tal-Unjoni. L-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping baqgħu l-kawża ewlenija tad-dannu għar-raġunijiet li ġejjin: kif stabbilit fil-premessa (110), is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żdied b'għaxar darbiet matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, filwaqt li l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra baqgħu stabbli.

(214) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet f'dan l-istadju li l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati kkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni u li l-fatturi l-oħrajn, meqjusin individwalment jew kollettivament, ma naqqsux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u d-dannu materjali. Id-dannu jikkonsisti f'sehem mis-suq imnaqqas, il-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità tal-produzzjoni, il-produttività, il-profittabbiltà, l-istokks tal-għeluq, il-fluss tal-flus u r-redditu fuq l-investimenti. Barra minn hekk, kif spjegat hawn fuq fil-premessa (117), l-industrija tal-Unjoni sofriet soppressjoni tal-prezzijiet ikkawżata minn importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati,

6. LIVELL TAL-MIŻURI

(215) Biex tiddetermina l-livell tal-miżuri, il-Kummissjoni eżaminat jekk dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ikunx biżżejjed sabiex jitneħħa d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping lill-industrija tal-Unjoni.

6.1. **Marġni tad-dannu**

(216) Id-dannu jitneħħa jekk l-industrija tal-Unjoni tkun tista' tikseb profitt fil-mira billi tbigħ bi prezz fil-mira fis-sens tal-Artikoli 7(2c) u 7(2d) tar-regolament bażiku.

(217) F'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku, għall-istabbiliment tal-profitt fil-mira, il-Kummissjoni qieset il-fatturi li ġejjin: il-livell ta' profittabbiltà qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiżi li qegħdin jiġu investigati, il-livell ta' profittabbiltà meħtieġ sabiex ikopri l-kostijiet u l-investimenti kollha, ir-riċerka u l-iżvilupp (R & Ż) u l-innovazzjoni, u l-livell ta' profittabbiltà mistenni f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Dan il-marġni ta' profitt jenħtieġ li ma jkunx inqas minn 6 %.

(218) Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni stabbiliet profitt bażiku li jkopri l-kostijiet sħaħ f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Il-Kummissjoni sabet li l-profittabbiltà tal-bejgħ mhux relatat fl-Unjoni fl-2021, is-sena li ppreċediet iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, kienet ta' 17,7 %. Din il-profittabbiltà kienet ogħla mill-profittabbiltà osservata fl-2020 ta' 3,5 %. Il-Kummissjoni tqis li la l-2020 u lanqas l-2021 ma kienu snin ordinarji għall-fini li jinstab marġni ta' profitt ta' referenza. L-2020 kienet sena affettwata mill-emerġenza tal-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni li kellha effett negattiv b'saħħtu fuq l-industrija tal-Unjoni. Bl-istess mod, l-2021 ma tistax titqies bħala sena ta' referenza ordinarja peress li l-Unjoni bbenefikat minn irkupru ekonomiku b'saħħtu.

(219) Għal dik ir-raġuni, il-Kummissjoni sabet li l-aħjar perjodu ta' referenza possibbli tkun l-2022. Is-sena 2022 kienet parzjalment affettwata miż-żieda fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fi tmiem is-sena, iżda l-effetti huma relattivament żgħar u l-użu tagħha bħala referenza huwa għalhekk approċċ konservattiv. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li jenħtieġ li jintuża marġni ta' profitt ta' 13,1 % għall-kalkoli tagħha.

(220) Abbażi ta' dan, il-prezz mhux dannuż jaqa' fil-medda ta' 1 350 sa 1 450 EUR/tunnellata, li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-marġini ta' profitt imsemmi hawn fuq ta' 13,1 % għall-kost tal-produzzjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(221) F'konformità mal-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku, bħala pass finali, il-Kummissjoni vvalutat il-kostijiet futuri li jirriżultaw mill-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, u l-protokolli tagħhom, li l-Unjoni hija parti minnhom, u tal-Konvenzjonijiet tal-ILO elenkati fl-Anness Ia li l-industrija tal-Unjoni se ġġarrab matul il-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżura skont l-Artikolu 11(2). Abbażi tal-evidenza disponibbli mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, l-istimi dwar ir-rati mistennija tal-użu tal-produzzjoni u l-prezzijiet imbassra tal-kwoti għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, il-Kummissjoni kkalkolat kost addizzjonali ta' EUR 16,44/tonne li ġie stabbilit flimkien mal-kostijiet osservati tal-konformità matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Din id-differenza ġiet miżjuda mal-prezz li ma jagħmilx dannu msemmi fil-premessa (220).

(222) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni kkalkolat prezz mhux dannuż ta' EUR 1 405,48/tunnellata għall-prodott simili tal-industrija tal-Unjoni billi applikat il-marġni ta' profitt fil-mira msemmi hawn fuq (ara l-premessa (219)) għall-kost tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni u mbagħad żiedet l-aġġustamenti skont l-Artikolu 7(2d) fuq bażi ta' tip b'tip.

(223) Il-Kummissjoni mbagħad iddeterminat il-livell tal-marġni tad-dannu abbażi ta' tqabbil tal-prezz medju ponderat tal-importazzjoni tal-produtturi esportaturi li kkooperaw fil-kampjun fil-pajjiżi kkonċernati, kif stabbilit għall-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz, mal-prezz medju ponderat mhux dannuż tal-prodott simili mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Kwalunkwe differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ġiet espressa bħala perċentwal tal-valur CIF medju ponderat tal-importazzjonijiet. Għal EPC, il-Kummissjoni għamlet użu mill-fatti disponibbli u stabbiliet il-marġni tad-dannu fuq il-bażi tal-istess tranżazzjonijiet għal TCI Sanmar li użat biex tiddetermina l-marġni tad-dumping tagħha (b'mod simili għall-mod kif ġie stabbilit il-marġni tad-dumping, ara l-premessa (70)).

(224) Il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu għal "kumpaniji oħrajn li kkooperaw" u għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha" huwa definit bl-istess mod bħall-marġni tad-dumping għal dawn il-kumpaniji (ara l-premessa (71)).

6.2. **Konklużjoni dwar il-livell ta' miżuri**

(225) Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, id-dazji anti-dumping proviżorji jenħtieġ li jiġu stabbiliti kif ġej f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku:

Pajjiż	Kumpanija	Marġni tad-dumping (%)	Marġni tad-dannu (%)	Dazju anti-dumping proviżorju (%)
L-Eġittu	Egyptian Petrochemical Company	109,5	100,1	100,1
	TCI Sanmar Chemicals S.A.E.	86,1	74,2	74,2
	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	109,5	100,1	100,1
L-ISTATI UNITI TAL-AMERKA	Formosa Plastics Corporation	70,3	90,6	70,3
	Westlake Chemicals	58,0	87,2	58,0
	Kumpanniji oħra li kkooperaw	62,1	88,3	62,1
	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	77,0	90,6	77,0

7. INTERESS TAL-UNJONI

(226) Wara li ddeċidiet li tapplika l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx tikkonkludi b'mod ċar li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ, minkejja d-determinazzjoni ta' dumping dannuż, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tal-interessi varji kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi u tal-utenti.

7.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(227) Il-PVC huwa prodott industrijali bażiku li joffri ħafna applikazzjonijiet possibbli. Li l-Unjoni jkollha industrija tal-PVC b'saħħitha hija essenzjali minħabba r-rabtiet tagħha ma' diversi industriji downstream. Il-PVC jintuża f'firxa wiesgħa ta' prodotti, minn pajpijiet tal-ilma, twieqi, karti ta' kreditu u kejbils tal-elettriku.

(228) L-importazzjonijiet tal-PVC ma jistgħux jissostitwixxu l-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni mingħajr effetti kollaterali. Kif indikat fl-ilment, l-industrija tal-PVC hija importanti ħafna fl-industrija tal-kimika usa'. Jekk l-industrija tal-Unjoni tnaqqas il-produzzjoni tagħha, dan jimplika inqas domanda għal materja prima ewlenija bħall-etilen u l-kloru. Il-PVC jirrappreżenta madwar 30 % tal-użu tal-kloru fl-Unjoni, kwalunkwe tnaqqis fil-produzzjoni tal-PVC għalhekk se jiġi tradott għall-"proċess tal-kloralkali" u jista' jkollu impatt fuq id-disponibbiltà tal-kloru, tas-soda kawstika u tal-idroġenu.

(229) Filwaqt li l-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni magħmula minn Westlake biex tqis id-dħul u l-profitti magħmula mill-bejgħ tas-soda kawstika fil-valutazzjoni tad-dannu peress li t-tnejn huma żewġ industriji awtonomi, il-Kummissjoni rrikonoxxiet l-importanza tal-PVC fl-industrija kimika usa' u b'mod partikolari fil-"proċess tal-Kloralkali".

(230) L-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-S-PVC mill-Eġittu u mill-Istati Uniti tal-Amerka tipprovdi ċertezza lill-industrija tal-Unjoni li se tissarraf f'volumi ta' bejgħ stabbli fl-Unjoni. Din iċ-ċertezza tkun ta' benefiċċju wkoll għall-industrija tal-kimika usa' għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq. Barra minn hekk, telimina l-impatt f'termini ta' tnaqqis fil-prezzijiet u għalhekk mhux biss l-industrija tal-Unjoni tibbenefika minn volumi aktar stabbli iżda jkollha wkoll inqas inċertezza dwar il-possibbiltajiet li tkopri l-kostijiet tagħha.

(231) L-industrija tal-Unjoni tal-PVC tipprovdi impjiegi b'remunerazzjoni tajba u kwalifikati fl-Unjoni, l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping tipproteġi madwar 4 000 impjieg dirett u multiplu ta' impjiegi indiretti fl-industrija tal-kimika usa'.

(232) Il-Kummissjoni kkonkludiet li kien fl-interess tal-industrija tal-Unjoni li timponi dazji anti-dumping.

7.2. **Importaturi**

(233) Il-Kummissjoni ma rċevietx tweġibiet mill-importaturi tal-Unjoni bil-kwestjonarju ddedikat. Kien hemm għadd ta' importaturi li pprovdew informazzjoni parzjali b'appoġġ għall-esportaturi mill-Eġittu u mill-Istati Uniti tal-Amerka, iżda din l-informazzjoni ma kinitx biżżejjed biex jiġi vvalutat l-interess ta' dawn l-importaturi.

(234) Madankollu, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li bl-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping fl-S-PVC li joriġina mill-Eġittu u mill-Istati Uniti tal-Amerka, l-importaturi ta' dan il-materjal jistgħu jiġu kkonfrontati b'bejgħ aktar baxx ta' S-PVC fi stadju bikri. Madankollu, l-importaturi xorta jkunu jistgħu jinnegozjaw ma' prodotti kimiċi oħra u mal-S-PVC prodott f'pajjiżi oħra li jistgħu jsiru aktar kompetittivi ladarba l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati jieqfu.

(235) Il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa probabbli li l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping fuq l-S-PVC li joriġina mill-Eġittu u mill-Istati Uniti tal-Amerka mhux se jkollha impatt permanenti fuq il-profittabbiltà tan-negozjanti.

7.3. **Utenti**

(236) Tliet utenti tal-S-PVC fl-Unjoni kkuntattjaw lill-Kummissjoni u pprovdew it-tweġiba għall-kwestjonarju meħtieġa, Rehau Industries SE & Co (Rehau), u Foamalite; u Granzplast. Rehau u Foamalite sostnew li ma kienx fl-interess tal-utenti fl-Unjoni li jiġu imposti dazji anti-dumping minħabba l-impatt probabbli f'termini ta' prezzijiet ogħla u setgħa akbar għall-industrija tal-Unjoni.

(237) Granzplast, ipprovdiet informazzjoni dwar ix-xiri tagħha ta' S-PVC li ppermettiet lill-Kummissjoni tistma l-impatt eventwali tad-dazji fuq il-kostijiet kollha tagħha.

(238) Rehau talbet seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni li saret fl-24 ta' April 2024. Is-seduta ta' smigħ saret b'mod konġunt man-negozjant Żvizzeru relatat Meraxis AG.

(239) Fir-rigward tat-tħassib tal-utenti, il-Kummissjoni nnotat li l-industrija tal-PVC fl-Unjoni tinkludi tnax-il produttur u li l-karatteristiċi tal-prodott jagħmlu s-suq estremament kompetittiv. Bl-istess mod li l-utenti setgħu jibbenefikaw mill-provvista bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping tal-S-PVC mill-Eġittu u mill-Istati Uniti tal-Amerka, l-utenti xorta jkunu jistgħu jissostitwixxu fornitur wieħed tal-Unjoni b'oħrajn sabiex ifittxu prezzijiet aktar kompetittivi, b'mod partikolari minħabba l-għadd kbir ta' produtturi tal-Unjoni.

(240) Il-Kummissjoni stmat ukoll li l-impatt globali fuq il-kostijiet tal-utenti jkun raġonevolment limitat peress li x-xiri tagħhom ta' S-PVC mill-pajjiżi kkonċernati jirrappreżenta perċentwal fuq il-kostijiet totali tagħhom ta' 5 % sa 10 %. Dan l-impatt limitat fuq il-kostijiet tagħhom għandu jitqies flimkien mal-benefiċċji li tipprovdi industrija tal-PVC tal-Unjoni b'saħħitha b'diversi fornituri.

(241) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li d-disponibbiltà tal-S-PVC mill-pajjiżi kkonċernati kienet ta' benefiċċju għall-utenti minħabba l-effett ta' tnaqqis fil-prezzijiet fis-suq mill-2022. Madankollu, dan irriżulta f'sitwazzjoni fejn l-industrija tal-Unjoni qed tagħmel it-telf li mhuwiex fl-interess fit-tul tal-utenti peress li dan jista' jnaqqas il-kompetizzjoni fis-suq tal-Unjoni billi jnaqqas l-għadd ta' produtturi li jistgħu jkomplu joperaw f'dawn iċ-ċirkostanzi.

7.4. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(242) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri fuq l-importazzjonijiet ta' S-PVC li joriġinaw mill-Eġittu u mill-Istati Uniti tal-Amerka f'dan l-istadju tal-investigazzjoni.

8. MIŻURI ANTI-DUMPING PROVIŻORJI

(243) Abbażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni fir-rigward tad-dumping, tad-dannu, tal-kawżalità, tal-livell tal-miżuri u tal-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri proviżorji sabiex jiġi evitat dannu ulterjuri lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

(244) Għandhom jiġu imposti miżuri anti-dumping proviżorji fuq l-importazzjonijiet ta' S-PVC li joriġinaw mill-Eġittu u mill-Istati Uniti tal-Amerka, f'konformità mar-regola tad-dazju inferjuri fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni qabblet il-marġnijiet tad-dannu u l-marġnijiet tad-dumping (ara l-premessa (225)). L-ammont tad-dazji ġie stabbilit fil-livell l-aktar baxx tal-marġnijiet tad-dumping u tad-dannu.

(245) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, ir-rati tad-dazju anti-dumping proviżorji, espressi skont il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, jenħtieġ li jkunu kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju anti-dumping proviżorju (%)
L-Eġittu	Egyptian Petrochemical Company	100,1
	TCI Sanmar Chemicals S.A.E.	74,2
	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	100,1
L-ISTATI UNITI TAL-AMERKA	Formosa Plastics Corporation	70,3
	Westlake Chemicals	58,0
	Kumpanniji oħra li kkooperaw	62,1
	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	77,0

(246) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati ta' dazju huma applikabbli esklużivament għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiżi kkonċernati u prodott mill-entitajiet legali msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat manifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk speċifikament imsemmija, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha". Dawn jenħtieġ li ma jkunu soġġetti għall-ebda waħda mir-rati tad-dazju anti-dumping individwali.

(247) Sabiex jiġu minimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali. Il-kumpanniji b'dazji anti-dumping individwali jridu jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura għandhom ikunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

(248) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa biex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, ma hijiex l-uniku element li għandu jiġi kkunsidrat mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jridu jwettqu l-verifiki normali tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport bil-baħar, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju aktar baxxa tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(249) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, din iż-żieda fil-volum tista' tiġi kkunsidrata bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fil-mudell tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'dawn iċ-ċirkostanzi u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni antiċirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

9. INFORMAZZJONI FL-ISTADJU PROVIŻORJU

(250) F'konformità mal-Artikolu 19a tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati dwar l-impożizzjoni ppjanata ta' dazji proviżorji. Din l-informazzjoni ġiet magħmula disponibbli wkoll għall-pubbliku ġenerali fuq is-sit web tad-DĠ KUMMERĊ. Il-partijiet interessati ngħataw 3 ijiem tax-xogħol biex jipprovdu kummenti dwar l-akkuratezza tal-kalkoli ddivulgati b'mod speċifiku lilhom.

(251) Il-produttur esportatur Eġizzjan TCI Sanmar sostna li l-Kummissjoni għandha tuża fil-kalkoli rilevanti prezz CIF fil-fruntiera tal-UE ogħla, li jirriżulta f'marġni tal-bejgħ taħt il-prezz aktar baxx. Fl-istess kuntest, jenħtieġ li jiżdied marġni tan-negozjant mal-prezz tal-esportazzjoni mill-fabbrika biex jinkiseb prezz CIF fil-fruntiera tal-UE korrett.

(252) Il-Kummissjoni eżaminat l-affermazzjoni iżda qieset li ma kinitx tikkonċerna l-preċiżjoni tal-kalkoli. Għalhekk, il-Kummissjoni se tikkunsidraha, flimkien mas-sottomissjonijiet l-oħra kollha, wara l-pubblikazzjoni tal-miżuri provviżorji.

(253) Il-produttur esportatur tal-Istati Uniti Formosa Plastics Corporation issottometta kummenti dwar id-divulgazzjoni minn qabel, fejn talab lill-Kummissjoni tirrevedi l-metodoloġija biex tiddetermina l-ispejjeż SG&A.

(254) Il-Kummissjoni eżaminat il-kummenti fid-dettall. Wieħed mill-kummenti kien jikkonċerna l-preċiżjoni tal-kalkolu u l-kalkolu SG&A għalhekk ġie emendat, filwaqt li l-kummenti l-oħra ma kinux relatati mal-preċiżjoni tal-kalkolu. Għalhekk, dawk il-kummenti se jiġu kkunsidrati, flimkien mas-sottomissjonijiet l-oħra kollha, wara l-pubblikazzjoni tal-miżuri provviżorji.

10. DISPOŻIZZJONI FINALI

(255) Fl-interess ta' amministrazzjoni tajba, il-Kummissjoni se tistieden lill-partijiet interessati biex jissottomettu kummenti bil-miktub u/jew jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni bi skadenza fissa.

(256) Is-sejbiet li jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' dazji proviżorji huma proviżorji u jistgħu jiġu emendati fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping proviżorju huwa impost fuq l-importazzjonijiet ta' klorur tal-polivinil f'forma ta' sospensjoni ("S-PVC"), mhux imħallat ma' kwalunkwe sustanza oħra, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 3904 10 00 (kodiċijiet TARIC 3904 10 00 15 u 3904 10 00 80) u li joriġina mill-Eġittu u mill-Istati Uniti tal-Amerka.

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping proviżorju applikabbli għall-prezz nett, frank fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandhom ikunu kif ġej:

Pajjiż ta' oriġini	Kumpanija	Dazju anti-dumping proviżorju	Kodiċi addizzjonali TARIC
L-Eġittu	Egyptian Petrochemical Company	100,1 %	89BA
	TCI Sanmar Chemicals S.A.E.	74,2 %	89BB
	L-importazzjonijiet l-oħra kollha li joriġinaw mill-Eġittu	100,1 %	8999
L-ISTATI UNITI TAL-AMERKA	Formosa Plastics Corporation	70,3 %	89BC

	Westlake Chemicals	58,0 %	89BD
	Oxy Vinyls, LP	62,1 %	89BE
	Shintech Incorporated	62,1 %	89BF
	L-importazzjonijiet l-oħra kollha li joriġinaw fl-Istati Uniti tal-Amerka	77,0 %	8999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi preżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ din il-fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: *"Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħ biex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (l-isem u l-indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Jien niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija sħiħa u korretta."* Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

4. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għall-għoti ta' depożitu ta' garanzija ekwivalenti għall-ammont tad-dazju proviżorju.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

1. Il-partijiet interessati għandhom jippreżentaw il-kummenti bil-miktub tagħhom dwar dan ir-Regolament bil-miktub lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum kalendarju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Il-partijiet interessati li jixtiequ jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni għandhom jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Il-partijiet interessati li jkunu jixtiequ jitolbu seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali għandhom jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jeżamina t-talbiet li jiġu ppreżentati barra minn dan il-limitu ta' żmien u jista' jiddeċiedi jekk jaċċettax tali talbiet jekk ikun xieraq.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 għandu japplika għal perjodu ta' 6 xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN